Il-Kummissjoni Ewropea

# Rapport tal-2020 dwar iċ-ċittadinanza tal-UE

L-għoti tas-setgħa liċ-ċittadini u l-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom

Ġustizzja u Konsumaturi

© European Union, 2020

Dikjarazzjoni ta’ ċaħda ta’ responsabbiltà:
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kondizzjoni li s-sors ikun rikonoxxut.

# Werrej

**Introduzzjoni ..... 2**

**Tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, saħħa liċ-ċittadini u trawwim ta' inklużjoni taċ-ċittadini tal-UE ..... 8**

Eżerċitar effettiv tad-drittijiet tal-vot ..... 11

Tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku ..... 16

**Faċilitar tal-eżerċitar tal-moviment liberu u simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum ..... 22**

Ċertezza legali aħjar fl-eżerċitar tad-drittijiet tal-moviment liberu ..... 24

Simplifikazzjoni tax-xogħol u l-ivvjaġġar transfruntier ..... 28

**Protezzjoni u promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE ..... 30**

Protezzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE ..... 32

Promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE u tal-valur tal-UE ..... 35

**Protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-Ewropa u f'pajjiżi barranin, inkluż fi żminijiet ta' kriżi/emerġenza ..... 38**

Solidarjetà fil-prattika għaċ-ċittadini tal-UE ..... 40

Solidarjetà fil-prattika għaċ-ċittadini tal-UE barra mill-UE ..... 42

**Konklużjonijiet ..... 46**

**Anness dwar is-segwitu tal-azzjonijiet imħabbra fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-2017 ..... 48**

# Introduzzjoni

*Flimkien mal-paċi, iċ-ċittadinanza tal-UE hija waħda mill-kisbiet l-aktar sinifikanti tal-proġett Ewropew u hija unika fid-dinja. Id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, inklużi l-moviment liberu, id-drittijiet politiċi u demokratiċi u d-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jibbenefikaw minn protezzjoni konsulari minn Stati Membri oħra meta ma jkunux irrappreżentati f'pajjiż barrani, kellhom effett trasformattiv fuq l-Ewropa. Issa hemm aktar minn 13.3-il miljun Ewropew[1] li jgawdu d-dritt tagħhom li jirresjedu f'pajjiż ieħor tal-UE.*

Il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet taċ-ċittadinanza tal-UE kull tliet snin[2] u tipproponi prijoritajiet ġodda għat-tliet snin li ġejjin. Sa mill-aħħar Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE fl-2017, kien hemm sfidi sinifikanti fl-eżerċitar tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, inkluż fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19, u kien hemm ukoll ħafna żviluppi pożittivi. Pereżempju, disgħa minn kull 10 ċittadini Ewropej issa huma familjari mat-terminu "ċittadin tal-Unjoni Ewropea" - l-ogħla numru rreġistrat[3]. Barra minn hekk, il-parteċipazzjoni fl-aħħar elezzjonijiet Ewropej kien l-ogħla f'żewġ deċennji[4], dovut l-aktar għaż-żgħażagħ u dawk li vvutaw għall-ewwel darba. Id-differenza bejn is-sessi fil-votazzjoni u fil-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew kompliet tonqos. L-appoġġ għall-moviment liberu jinsab fl-ogħla tiegħu fi 12-il sena[5].

Sa mill-aħħar Rapport dwar iċ-Ċittadinanza, l-Ewropa rat il-bidu ta' movimenti soċjali b'saħħithom dwar kwistjonijiet bħat-tibdil fil-klima, l-ekonomija u t-tassazzjoni, ir-razziżmu u l-ugwaljanza. Dawn il-movimenti, ħafna drabi flimkien ma' protesti fit-toroq b'attiviżmu online, jegħlbu b'suċċess il-fruntieri ġeografiċi u lingwistiċi sabiex joħolqu sinerġiji pan-Ewropej u anki globali. Jekk qatt kien hemm dubju li ċ-ċittadini Ewropej kienu qed jitilfu l-interess tagħhom fl-impenn politiku, is-snin reċenti wrew li dawn huma ħerqana aktar minn qatt qabel sabiex isemmgħu leħinhom u jsawru s-soċjetà li jgħixu fiha.

Sfidi reċenti kienu wkoll ħafna u kumplessi. Il-kriżi tal-COVID-19 turi kemm l-Ewropej illum jiddependu fuq il-moviment liberu u jiddependu fuqu għal raġunijiet ekonomiċi u personali. Fl-ewwel nofs tal-2020,

**9/10**

**ċittadini Ewropej**

*Ewropej issa huma familjari mat-terminu "ċittadin tal-Unjoni Ewropea"*

eluf ta' Ewropej inqabdu barra minn pajjiżhom minħabba restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar imposti wara li faqqgħet il-COVID-19, li rriżulta fi sforz koordinat bla preċedent fl-UE u fl-Istati Membri tagħha li wasslet aktar minn 600 000 ċittadin lura d-dar b'mod sikur. Waqt li l-Ewropa qamet għall-isfida li ssalva ċ-ċittadini tagħha f'pajjiżi barranin, kien hemm mistoqsijiet dwar jekk il-kondiviżjoni tar-riżorsi tal-UE f'pajjiżi terzi għandhiex tkun aktar issimplifikata, u jekk l-assistenza liċ-ċittadini għandhiex tkun aktar flessibbli. Waqt il-pandemija, kif ukoll waqt l-elezzjonijiet Ewropej u lil hinn minnhom, l-Ewropej kienu fil-mira ta' diżinformazzjoni online, li pperikolat ir-rekwiżit bażiku għall-parteċipazzjoni demokratika tagħhom fil-ħajja pubblika u l-għażliet informati tagħhom.

Moħbija bl-effett ta' teknoloġiji ġodda u l-emerġenza tas-saħħa globali, ħafna piżijiet amministrattivi u legali prattiċi ta' kuljum jkomplu jaffettwaw il-ħajja taċ-ċittadini tal-UE. Dawn ivarjaw minn proċeduri ta' reġistrazzjoni għal votazzjoni kkumplikati għal ċittadini mobbli tal-UE, sa opzjonijiet diġitali insuffiċjenti għal proċeduri amministrattivi u sistemi ta' tassazzjoni għal ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera. Barra minn hekk, ir-referendum ta' Brexit li wassal għat-tluq tar-Renju Unit mill-UE kellu impatt fuq il-ħajja ta' madwar 3,7 miljun ċittadin Ewropew[6] li stabbilew ir-residenza tagħhom fir-Renju Unit u miljuni ta' ċittadini tar-Renju Unit li tilfu l-istatus tagħhom ta' ċittadini tal-UE.

Ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza huwa marbut millqrib mas-sitt miri ta' ambizzjonijiet tal-Kummissjoni għall-Ewropa[7], b'mod partikolari l-imbuttatura ġdida għal demokrazija Ewropea u li ċ-ċittadini jitressqu eqreb lejn l-UE. Dan jenħtieġ li jitqies flimkien ma' inizjattivi oħra u li jikkomplimentahom, bħall-Istrateġija l-ġdida għat-tisħiħ tal-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[8], u b'mod partikolari, il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew dwar id-Demokrazija[9]. L-azzjonijiet u l-prijoritajiet stabbiliti f'dan ir-rapport jiffokaw direttament fuq l-għoti tas-saħħa liċ-ċittadin, u b'hekk jikkumplimentaw il-pjan ta' azzjoni Ewropew dwar id-demokrazija, li jindirizza sfidi ewlenin tad-demokraziji tagħna u jinkludi oqsma ta' politika b'impatt wiesa' fuq is-soċjetà[10].

Il-prijoritajiet proposti huma bbażati fuq konsultazzjonijiet dedikati[11], inklużi konsultazzjoni pubblika dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u stħarriġ Ewrobarometru Flash dwar iċ-ċittadinanza tal-UE u d-demokrazija[12], u dwar ir-riċerka, inkluża

# >600 000

ċittadin tal-UE maqbuda barra minn pajjiżhom wara t-tifqigħa tal-COVID-19 inġiebu lura pajjiżhom b'mod sikur fi sforz ta' koordinazzjoni mingħajr preċedent mill-UE u l-Istati Membri tagħha.

l-ħidma fuq Network ta' Akkademiċi dwar id-Drittijiet taċ-Ċittadinanza tal-UE. Fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tagħha, il-Kummissjoni bbażat ukoll direttament fuq l-ittri numerużi li hija rċeviet mingħand ċittadini li jiktbu b'mod regolari sabiex jispjegaw il-problemi u kwistjonijiet li jiltaqgħu magħhom fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom fil-ħajja ta' kuljum.

Ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-2020 huwa kompost minn żewġ dokumenti separati: dan ir-Rapport u r-Rapport skont l-Artikolu 25 TFUE[13] li jippreżenta l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tad-drittijiet taċ-ċittadinanza.

Ir-Rapport jirrikonoxxi l-progress li sar dwar iċ-ċittadinanza tal-UE sa mir-rapport tal-2017 u jipproponi prijoritajiet u azzjonijiet ġodda sabiex iwassal għal benefiċċji reali għaċ-ċittadini tal-UE billi jiżgura li jistgħu jgawdu d-drittijiet taċ-ċittadinanza tagħhom fil-prattika, b'mod partikolari f'kuntest transfruntier. Huwa jistabbilixxi għadd ta' azzjonijiet u prijoritajiet konkreti madwar l-erba' temi ewlenin:

→ Tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, saħħa liċ-ċittadini u trawwim ta' inklużjoni taċ-ċittadini tal-UE;

→ Faċilitar tal-eżerċitar tal-moviment liberu u simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum;

→ Protezzjoni u promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE;

→ Protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-Ewropa u f'pajjiż barrani, inkluż fi żminijiet ta' kriżi/emerġenza.





# Tisħiħ tal-parteċipazzjoni demokratika, saħħa liċ-ċittadini u trawwim ta’ inklużjoni taċ-ċittadini tal-UE



*Iż-żieda fit-trasparenza tal-ħolqien tal-politiki u tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-involviment taċ-ċittadini fid-deliberazzjonijiet hija kruċjali għal-leġittimità demokratika.*

L-għadd ta’ nies li ħarġu jivvutaw fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew tal-2019 kien l-ogħla tal-aħħar **25 sena**, biż-żieda xprunata mill-votanti Ewropej żgħażagħ u dawk li kienu qed jivvutaw għall-ewwel darba.

# EŻERĊITAR EFFETTIV TAD-DRITTIJIET TAL-VOT

Li wieħed jivvota u joħroġ għall-elezzjoni huwa l-bażi ta' soċjetà demokratika. L-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019 raw l-akbar parteċipazzjoni fl-aħħar żewġ deċennji. Iż-żieda fil-**parteċipazzjoni** hija dovuta għaż-żgħażagħ u dawk li vvutaw għall-ewwel darba. In-nisa wkoll ipparteċipaw f'numri akbar, u d-differenza bejn is-sessi fil-votazzjoni naqset minn 4 % fl-2014 għal 3 % fl-2019. In-numru ta' nisa eletti fil-Parlament żdied minn 37 % għal 39,4 %. Data dwar il-parteċipazzjoni elettorali ta' gruppi oħra b'rappreżentanza baxxa tibqa' limitata, peress li ftit Stati Membri jiġbruha[14].

Madankollu, **kategoriji ta' votanti b'rappreżentanza baxxa** jiffaċjaw sfidi addizzjonali. Għal persuni b'oriġini ta' minoranza razzjali jew etnika, jista' jkun aktar diffiċli milli għall-bqija tal-popolazzjoni sabiex ikunu fuq il-lista ta' kandidati, jirreġistraw għal elezzjonijiet jew iwettqu proċeduri elettorali oħra. Pereżempju, vulnerabbiltajiet soċjali u ekonomiċi ta' ħafna persuni Rom ħafna drabi jintużaw matul il-proċessi elettorali[15] permezz ta' xiri ta' voti u manipulazzjoni ta' voti, pressjoni diretta jew theddid. L-inklużjoni ta' suċċess tar-Rom tiddependi fuq jekk id-dritt tagħhom li jivvutaw u li jivvutawlhom ikunx eżerċitat b'mod xieraq. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jagħmlu sforz akbar sabiex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar l-elezzjonijiet sabiex iżidu l-parteċipazzjoni tar-Rom u ta' gruppi żvantaġġati oħrajn - jiżguraw li dawn ikunu jistgħu jagħmlu għażliet liberi u informati fl-elezzjonijiet u jinkoraġġixxu r-rappreżentanza politika tagħhom[16].

Il-persuni b'**diżabbiltà** għadhom sottorappreżentati fl-elezzjonijiet meta jeżerċitaw kemm id-dritt tagħhom li jivvutaw kif ukoll li jiġu eletti. Huma jiffaċċjaw diversi ostakli, bħal aċċessibbiltà limitata għall-bini u l-votazzjoni jew informazzjoni aċċessibbli insuffiċjenti dwar il-kandidati u d-dibattiti. Huwa stmat li 800 000 ċittadin tal-UE minn 16-il Stat Membru setgħu kienu mċaħħda mid-dritt li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet tal-2019 tal-Parlament Ewropew[17] għaliex ir-regoli nazzjonali tagħhom u l-arranġamenti organizzattivi ma jikkunsidrawx il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom b'mod suffiċjenti. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew biex tiggarantixxi d-drittijiet politiċi tal-persuni b'diżabilità fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor[18] u b'mod partikolari biex tiżgura li dan id-dritt jitgawda fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li jmiss.

Ħafna Stati Membri ħadu miżuri speċifiċi biex itejbu l-**parteċipazzjoni tan-nisa** fl-elezzjonijiet tal-UE[19]. Dawn kienu jinkludu l-konnessjoni tal-allokazzjoni tal-fondi pubbliċi għall-partiti politiċi mal-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika[20], sistemi ta' kwota għal-listi tal-kandidati[21] u mal-introduzzjoni ta' obbligi ġenerali għall-partiti politiċi biex ikollhom listi ta' kandidati bbilanċjati fir-rigward tas-sessi[22]. Madankollu, għad hemm ħafna sfidi li jridu jiġu indirizzati. Diskors ta' mibegħda online u vjolenza fuq l-internet kontra n-nisa fil-politika joħolqu dejjem aktar barrieri għall-parteċipazzjoni tan-nisa fil-politika, billi pereżempju, jiskoraġġixxu lill-kandidati nisa milli joħorġu għall-politika[23].

Fid-dawl tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss, il-Kummissjoni se torganizza avveniment ta' livell għoli li jlaqqa' flimkien diversi awtoritajiet biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-proċessi elettorali kif ukoll jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini biex jipparteċipaw bħala votanti u kandidati fil-proċess demokratiku.

Fin-**Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet**, il-Kummissjoni għenet lill-pajjiżi tal-UE jiskambjaw l-aħjar prattiċi li jgħinu lil gruppi differenti jipparteċipaw f'elezzjonijiet, u se tkompli tagħmel dan[24]. Hija se tkompli wkoll tippromwovi l-aħjar prattiċi fin-network, b'konformità mal-ogħla standards Ewropej għal elezzjonijiet liberi u ġusti, inklużi l-istandards rakkomandati mill-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa[25].

Fl-2021, il-Kummissjoni se torganizza workshops għan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet dwar: (i) it-titjib tal-aċċessibbiltà għall-elezzjonijiet Ewropej; (ii) il-prattiċi għall-votazzjoni mill-bogħod u b'mod speċifiku l-votazzjoni elettronika (e-voting) jew għodda online li jistgħu jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni demokratika elettronika filwaqt li jindirizzaw kwistjonijiet ta' sigurtà u kunfidenzjalità[26]; u (iii) l-iżvilupp ta' indikaturi, pereż. dwar il-parteċipazzjoni demokratika ta' gruppi speċifiċi. Inkoraġġiment ulterjuri tad-**dimensjoni Ewropea fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew** isaħħaħ ir-rabta bejn l-individwi u l-istituzzjonijiet tal-Ewropa, u għalhekk il-leġittimità demokratika tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Ewropa. Jgħin ukoll r-responsabbiltà politika. Sabiex il-politiċi jinżammu responsabbli, jeħtieġ li n-nies jaraw rabta ċara bejn il-kampanji u l-programmi nazzjonali tal-kandidati, il-politiki Ewropej u l-partiti politiċi li magħhom huma affiljati. Matul l-elezzjonijiet tal-2019, l-Ewropa u kwistjonijiet Ewropej bħal "valuri", "ekonomija", "soċjali" u "ambjent" kienu prominenti fil-materjal użat matul il-kampanja[27]. Għadd ta' partiti politiċi pprovdew lil votanti b'informazzjoni dwar l-affiljazzjonijiet Ewropej tagħhom u diversi partiti ħadu passi sabiex ikabbru l-għarfien tad-dimensjoni Ewropea tal-elezzjonijiet permezz tal-materjal tal-kampanja u s-siti web tagħhom. Żewġ partiti politiċi kienu direttament preżenti f'diversi Stati Membri u kkampanjaw fuq programm pan-Ewropew[28]. Membru tal-Parlament Ewropew kien elett minn partit bħal dan fil-Ġermanja[29]. Meta mistoqsija dwar dan is-suġġett fl-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2020[30], aktar minn erbgħa minn kull 10 li wieġbu (43 %) jemmnu li probabbilment listi ta' kandidati b'ċittadini ta' pajjiżi oħra tal-UE jħeġġuhom aktar sabiex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss.

**4** minn kull **10**

ċittadini Ewropej (43%) jemmnu li probabbilment listi ta' kandidati b'ċittadini ta' pajjiżi tal-UE oħrajn iħeġġuhom aktar biex jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss.

Grupp dejjem jikber ta' ċittadini intitolati li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew huma **ċittadini "mobbli" tal-UE**: ċittadini li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fi Stat Membru ieħor[31]. Huwa stmat li, fl-2019, minn aktar minn 17-il miljun ċittadin mobbli fl-UE, kważi 15-il miljun[32] kienu eliġibbli biex jivvutaw (aktar minn 3 % mit-total tal-popolazzjoni li tivvota tal-UE) fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019. Madankollu, numru relattivament baxx[33] minnhom eżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

Kważi żewġ terzi ta' dawk li wieġbu (65 %) fl-istħarriġ reċenti tal-Ewrobarometru[34] kkunsidraw li probabbilment jekk ikunu jistgħu jikkuntattjaw **helpdesk** li tipprovdi informazzjoni liċ-ċittadini dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew u l-proċeduri tal-votazzjoni, ikunu aktar mħeġġa jivvotaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew li jmiss. Aktar minn 60 % ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan

ir-rapport jaħsbu li mhux qed isir biżżejjed sabiex iċ-ċittadini jiġu informati dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom u l-aktar barriera msemmija (22 %) kienet in-nuqqas ta' informazzjoni fuq livell nazzjonali. Il-Kummissjoni se tesplora, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament, il-possibbiltà li tinħoloq riżorsa kondiviża ddedikata sabiex iċ-ċittadini tal-UE jiġu appoġġati fl-eżerċitar tad-drittijiet elettorali tagħhom, kif ukoll li jingħataw postijiet addizzjonali fejn huma jistgħu jirrapportaw l-ostakli u l-inċidenti li jaffettwaw il-parteċipazzjoni tagħhom fil-politika. Din għandha tkun disponibbli kemm għaċ-ċittadini tal-UE (inklużi ċittadini mobbli tal-UE) kif ukoll għall-awtoritajiet rilevanti sal-ħarifa 2023.

Iċ-ċittadini mobbli tal-UE għandhom ukoll id-dritt li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-**elezzjonijiet muniċipali** u fl-**elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew** fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. Madankollu, il-parteċipazzjoni tagħhom hija aktar baxxa minn dik ta' ċittadini li għandhom nazzjonalità ta' dak il-pajjiż. Dan huwa dovut parzjalment għall-proċessi ta' reġistrazzjoni kkumplikati[35] u għażliet ta' votazzjoni insuffiċjenti[36]. Il-Kummissjoni beħsiebha taġġorna d-direttivi rilevanti[37] sabiex issaħħaħ il-kapaċità taċ-ċittadini mobbli li jeżerċitaw id-drittijiet elettorali tagħhom. Dan ikun jinvolvi l-aġġornament, il-kjarifika u t-tisħiħ tar-regoli sabiex jiġi żgurat li dawn jappoġġaw il-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva taċ-ċittadini mobbli tal-UE. Oqsma li se jkunu koperti jinkludu l-provvista ta' informazzjoni mmirata għaċ-ċittadini mobbli tal-UE[38] - inkluż dwar l-iskadenzi, l-implikazzjonijiet u d-durabbiltà tar-reġistrazzjonijiet tal-votant, l-iskambju ta' informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni taċ-ċittadini mobbli tal-UE votanti u kandidati fl-elezzjonijiet Ewropew, u l-aġġustamenti neċessarji wara l-Brexit.

Diversi Stati Membri tal-UE[39] jċaħħdu liċ-ċittadini tagħhom li jirresjedu b'mod permanenti f'pajjiżi oħra mid-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet parlamentari nazzjonali. Dawn iċ-ċittadini **maqtugħin mir-reġistru elettorali** sikwit jiffaċċjaw esklużjoni mill-ħajja politika kemm fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom kif ukoll fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. Fir-rakkomandazzjoni tagħha tal-2014[40], il-Kummissjoni ħeġġet lill-Istati Membri sabiex jippermettu liċ-ċittadini tagħhom japplikaw sabiex jibqgħu rreġistrati fil-lista elettorali sabiex b›hekk iżommu d-dritt tal-vot tagħhom. Hija se tkompli ssegwi s-sitwazzjoni u tħeġġeġ lill-Istati Membri kkonċernati jabolixxu dawn ir-regoli ta' qtugħ mir-reġistru elettorali.

Id-drittijiet ta' ċittadinanza tal-UE ma jagħtux liċ-ċittadini mobbli tal-UE d-dritt li jivvotaw fl-**elezzjonijiet nazzjonali** fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, minkejja li jkunu membri attivi tas-soċjetà u huma affettwati mill-politiki nazzjonali. Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru Flash 485, aktar minn sitta minn kull 10 Ewropej (63 %) jikkunsidraw li huwa ġġustifikat li ċittadini tal-UE li jgħixu f'pajjiż tal-UE li ma huwiex il-pajjiż ta' oriġini tagħhom jiksbu d-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet nazzjonali u fir-referenda fil-pajjiż ta' residenza tagħhom. Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport uriet appoġġ simili sabiex iċ-ċittadini mobbli tal-UE jingħataw d-dritt tal-vot f'elezzjonijiet

**Aktar minn**

**60%**

ta' dawk li wieġbu il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport jaħsbu li mhux qed isir biżżejjed biex iċ-ċittadini jiġu informati bid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom.

# 3%

tal-popolazzjoni

votanti totali tal-UE

huma ċittadini mobbli tal-UE.

nazzjonali tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom[41]. F'Marzu 2020, kienet irreġistrata Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej dwar dan is-suġġett[42]. Il-Kummissjoni se tesplora aktar dan is-suġġett mal-Istati Membri.

**L-osservazzjoni elettorali** hija mod tajjeb biex iċ-ċittadini jiġu involuti fil-proċess elettorali u għat-titjib tal-fiduċja pubblika f'elezzjonijiet liberi u ġusti. Il-monitoraġġ elettorali miċ-ċittadini jista' jmur lil hinn mill-osservazzjoni tal-votazzjoni u l-għadd tal-voti u jinkludi l-applikazzjoni tar-regoli elettorali online, li jista' jgħin ħafna l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-kwistjonijiet elettorali. Billi tibni fuq prattiċi eżistenti ta' suċċess, il-Kummissjoni beħsiebha tiffinanzja proġetti li jrawmu osservazzjoni elettorali indipendenti, inkluż minn ċittadini, b'linji gwida jew prattiċi tajbin diskussi fin-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet.

**AZZJONI 1**

**Fl-2021, il-Kummissjoni se taġġorna d-direttivi dwar id-drittijiet tal-vot taċ-ċittadini mobbli tal-UE fl-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej, sabiex tiffaċilita l-provvista ta' informazzjoni liċ-ċittadini u ttejjeb l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri, inkluża l-prevenzjoni tal-votazzjoni doppja.**

**AZZJONI 2**

**Il-Kummissjoni se tesplora l-possibbiltà li toħloq riżorsa kondiviża ddedikata sabiex tappoġġa liċ-ċittadini tal-UE fl-eżerċitar tad-drittijiet elettorali tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri permezz tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet sabiex tiffaċilita u ttejjeb il-kapaċità taċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet tal-vot tagħhom inkluż billi tappoġġa l-iskambju tal-aħjar prattiċi u assistenza reċiproka sabiex tiżgura elezzjonijiet liberi u ġusti.**

**AZZJONI 3**

**Il-Kummissjoni se tiffinanzja proġetti dwar l-osservazzjoni indipendenti elettorali, inkluż il-monitoraġġ miċ-ċittadini.**

# TISĦIĦ TAL-PARTEĊIPAZZJONI TAĊ-ĊITTADINI FIL-PROĊESS DEMOKRATIKU

It-tkabbir tal-involviment taċ-ċittadini fl-istadji kollha tal-proċess demokratiku huwa essenzjali għad-demokrazija Ewropea tagħna. Qed joħorġu ħafna inizjattivi ġodda sabiex jinvolvu liċ-ċittadini fil-proċessi ta' teħid ta' deċiżjoni[43]. Pereżempju hemm tkabbir fl-interess fid-demokrazija deliberattiva fl-UE kollha[44], u dan jeħtieġ li jiġi rikonoxxut u mħeġġeġ. Iż-żieda tat-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet u t-tfassil tal-politika u l-involviment taċ-ċittadini fid-deliberazzjonijiet dwar kwistjonijiet kumplessi li jiffaċċjaw l-istituzzjonijiet Ewropej hija ċentrali għal-leġittimità demokratika. Hija rilevanti wkoll fir-rigward tal-kunfidenza taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet tal-UE u fil-konnessjoni magħhom.

Eżerċizzju pan-Ewropew maġġuri fid-demokrazija deliberattiva, il-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa** se toħloq forum pubbliku ġdid għal dibattitu miftuħ, inklużiv, trasparenti u strutturat maċ-ċittadini madwar għad ta' prijoritajiet u sfidi ewlenin. Mill-bidu tagħha se tkun tinkludi **pjattaforma diġitali multilingwi** rivoluzzjonarja li se tagħmel il-Konferenza aċċessibbli għaċ-ċittadini mill-oqsma kollha tal-ħajja, u mill-erba' kantunieri tal-Unjoni. Iċ-ċittadini se jingħataw is-setgħa li jippreżentaw ideat u proposti, jew li jorganizzaw dibattiti lokali. Permezz tat-traduzzjoni f'ħin reali fil-lingwi kollha tal-UE, iċ-ċittadini minn Stati Membri differenti se jkunu jistgħu jsegwu d-dibattiti, b'hekk ikunu offruti l-prospettiva ta' dibattiti ġenwinament transnazzjonali dwar il-ġejjieni tal-Ewropa. It-titjib fis-sistema tal-kandidat ewlieni għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, kif ukoll kif għandha tiġi indirizzata l-kwistjoni tal-listi transnazzjonali jistgħu jiġu diskussi fil-**Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa**.

Billi jikkumplimenta azzjonijiet oħra proposti skont il-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea, ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza jieħu approċċ iffokat fuq iċ-ċittadin u jiffoka fuq azzjonijiet u inizjattivi li jsaħħu direttament liċ-ċittadini u jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Tekniċi innovattivi u ffokati fuq l-utent li huma xierqa għal etajiet u bżonnijiet differenti għandhom jintużaw sabiex jappoġġaw parteċipazzjoni demokratika deliberattiva u rappreżentattiva. Iċ-ċittadini kollha għandhom jibbenefikaw minn politiki li jkabbru l-għarfien u **jżidu l-involviment tal-pubbliku fit-teħid ta' deċiżjoni** fuq livell Ewropew. Dan huwa kruċjali sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini Ewropej ikunu kunfidenti li leħinhom jinstema' u li l-vot jgħodd. Iċ-ċittadini emanċipati għandu jkollhom l-għodda, il-mezzi u l-kapaċitajiet sabiex isemmgħu leħinhom fl-arena pubblika sabiex ikunu jistgħu jikkontribwixxu direttament fit-tfassil tal-politiki pubbliċi fil-livelli kollha. Il-Kummissjoni se tesplora metodi innovattivi kif tikkonsulta liċ-ċittadini u tiġbor ir-rispons tagħhom dwar leġiżlazzjoni tal-UE ġdida.

Il-Kummissjoni diġà qiegħda tittestja proċessi parteċipattivi u deliberattivi, pereżempju fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' politika ta' adeżjoni[45] u fl-identifikazzjoni tal-prijoritajiet possibbli għall-ħames missjonijiet tal-UE li se jkunu parti integrali mill-Ewropa Orizzont, il-programm qafas li jmiss għar-riċerka u l-innovazzjoni (li jkopri l-kanċer, l-adattament tal-klima,

# >80%

tać-ċittadini tal-UE huma konxji mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom.

bliet aktar ekoloġiċi u intelliġenti, ħamrija b'saħħitha u oċeani u ilmijiet b'saħħithom)[46]. Hija se tkompli tiffinanzja **proġetti ta' riċerka u innovazzjoni** intiżi sabiex jiġu żviluppati demokraziji deliberattivi u parteċipattivi permezz tal-esperimentazzjoni u tesplora l-prattiċi, l-isfidi u l-impatti ta' proċessi ta' demokrazija deliberattiva fuq livelli ġeografiċi differenti u fi gruppi soċjali differenti[47]. Il-Kummissjoni se tiffinanzja wkoll proġetti innovattivi li jżidu l-kapaċità u toffri appoġġ prattiku sabiex iddaħħal liċ-ċittadini Ewropej fit-tranżizzjonijiet li huma parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, kemm permezz tad-deliberazzjoni kif ukoll tal-parteċipazzjoni[48], u oqsma oħra[49].

Barra minn hekk, l-Unjoni Ewropea beħsiebha tħeġġeġ aktar il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa[50]. Il-promozzjoni ta' demokrazija parteċipattiva inklużiva hija wkoll wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-**Istrateġija taż-Żgħażagħ tal-Unjoni Ewropea** (2019-2027)[51] intiża sabiex tappoġġa l-involviment taż-żgħażagħ fl-Ewropa fit-tfassil tas-soċjetà u l-politika. It-tliet oqsma ewlenin tal-istrateġija taż-żgħażagħ tal-UE huma Involviment, Konnessjoni u Tisħiħ. Involviment ifisser parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u l-UE hija impenjata li tħeġġeġ il-parteċipazzjoni demokratika taż-żgħażagħ kollha, prinċipalment permezz tad-**Djalogu taż-Żgħażagħ tal-UE**[52], għodda ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ strutturata u waħda mill-akbar għodda ta' parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-UE li tikkontribwixxi sabiex jiġu intavolati l-ideat taż-żgħażagħ. Dan huwa eżempju eċċellenti ta' mobilizzazzjoni minn isfel għal fuq tal-ilħna li jilħqu b'suċċess lil dawk li jfasslu l-politika. L-2020 timmarka l-għaxar anniversarju tad-Djalogu Ewropew maż-Żgħażagħ[53].

L-**Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (IĊE)** hija parti importanti mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u strument b'saħħtu għal demokrazija parteċipattiva fl-UE. Hija tippermetti lil miljun

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni:

# "Ewropa Lesta għall-Era Diġitali"

ċittadin li jirresjedu fi kwart tal-Istati Membri jitolbu lill-Kummissjoni tippreżenta proposta ta' att legali li jimplimenta t-Trattati tal-UE[54]. Sa minn Jannar 2020, kien hemm regoli ġodda li għamlu l-IĊE aktar faċli għall-utent u aċċessibbli sabiex tgħin fiż-żieda tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini Ewropej fil-proċess demokratiku tal-UE. Fil-15 ta' Lulju 2020, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw miżuri temporanji sabiex jindirizzaw l-effetti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-IĊE. Ir-regoli ġew immodifikati sabiex jippermettu estensjoni tal-perjodi ta' ġbir tal-inizjattivi taċ-ċittadini affettwati mill-pandemija.

Il-pandemija tal-COVID-19 kienet akkumpanjata b'mewġa massiva ta' **informazzjoni falza jew qarrieqa**, inklużi tentattivi minn persuni u gruppi minn barra l-UE sabiex jinfluwenzaw liċ-ċittadini u d-dibattiti tal-UE. Billi teħtieġ kontabbiltà akbar għall-pjattaformi online, il-Kummissjoni qed tkompli l-ħidma tagħha sabiex tappoġġa ambjent informattiv li fih iċ-ċittadini jistgħu jiżviluppaw opinjonijiet informati dwar l-affarijiet

pubbliċi. Fir-rigward tad-diżinformazzjoni relatata mal-COVID-19, il-Kummissjoni stabbilixxiet programm ta' monitoraġġ u rapportar bħala segwitu għall-Komunikazzjoni Konġunta tal-COVID-19 ta' Ġunju 2020[55]. Il-firmatarji tal-Kodiċi ta' Prattika dwar il-Diżinformazzjoni kienu qegħdin jirrapportaw kull xahar dwar azzjonijiet meħuda sabiex tiġi limitata l-firxa ta' diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 fuq is-servizzi tagħhom. Barra minn hekk, inganni tal-konsumaturi, bħall-offerta ta' prodotti protettivi mhux neċessarji, ineffettivi u potenzjalment perikolużi, irriżultaw bħala element partikolari ta' diżinformazzjoni matul il-pandemija tal-COVID-19[56]. Inizjattivi pprovduti fil-Komunikazzjoni Konġunta[57] u l-Aġenda tal-Konsumatur l-Ġdida[58] jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet. Il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea u l-Att dwar is-Servizzi Diġitali qed jindirizzaw l-isfidi li d-diżinformazzjoni online tippreżenta għas-soċjetajiet tagħna.

Il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' tagħlim tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċessi demokratiċi. Dan jitfakkar fl-**Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa**[59], li tippromwovi l-ħiliet tul il-ħajja għaliex is-"soċjetajiet demokratiċi jiddependu fuq ċittadini attivi li jistgħu jiddistingwu informazzjoni minn sorsi varji, jidentifikaw diżinformazzjoni, jieħdu deċiżjonijiet informati, huma reżiljenti u jaġixxu b'mod responsabbli". Minn din il-perspettiva, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' tagħlim għall-adulti ta' kwalità u inklużiv, skont l-ewwel prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

It-**teknoloġiji diġitali** qed jibdlu t-teħid ta' deċiżjonijiet demokratiċi fl-UE, kif ukoll il-mod kif l-awtoritajiet pubbliċi jikkomunikaw maċ-ċittadini. L-għodda online jistgħu jiffaċilitaw l-interazzjoni u l-parteċipazzjoni demokratika fiż-żminijiet kurrenti, meta ċ-ċirkustanzi ġiegħlu lil ħafna nies ibiddlu d-drawwiet ta' ħidma tagħhom u l-mod kif jikkomunikaw ma' xulxin[60]. Fl-istess ħin, l-involviment diġitali huwa limitat mill-ħiliet tekniċi tan-nies.

Waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni hija "Ewropa lesta għall-era diġitali" u t-titjib tal-kapaċitajiet diġitali[61] kemm taż-żgħażagħ kif ukoll tal-adulti. Dan huwa l-fokus tal-**pjan ta' azzjoni tal-edukazzjoni diġitali** aġġornat[62] li japplika mill-2021 sal-2027. Azzjonijiet rilevanti jinkludu t-tisħiħ tal-isforzi għat-trawwim tal-litteriżmu diġitali u l-promozzjoni tal-iżvilupp ta' linji gwida komuni sabiex tiġi ttrattata l-diżinformazzjoni permezz tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-appoġġ tal-iżvilupp ta' ftehim aħjar tal-intelliġenza artifiċjali u d-data fost iċ-ċittadini kollha u l-integrazzjoni sistematika tal-litteriżmu diġitali fi proġetti ta' edukazzjoni formali u informali. Il-Kummissjoni hija impenjata wkoll li tindirizza l-**impatt tat-tixjiħ** fl-oqsma tal-politika kollha

sabiex tgħin lis-soċjetajiet u lill-ekonomiji jadattaw għat-tibdil demografiku[63]. Hija se tistabbilixxi azzjonijiet speċifiċi sabiex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni attiva ta' ċittadini fl-istadji kollha tal-ħajja, miż-żgħar għall-kbar[64], b'fokus potenzjali addizzjonali fuq il-parteċipazzjoni tat-tfal fil-politika u l-ħajja demokratika tal-UE.

Iċ-ċittadini mobbli tal-UE li jistabbilixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor jeħtieġu **appoġġ** li jiffaċilita l-inklużjoni tagħhom fis-soċjetà ospitanti. Xi ċittadini mobbli tal-UE jistgħu jkunu f'sitwazzjoni prekarja, bħal nies bla saqaf fuq rashom, jew jista' jkollhom oriġini ta' minoranza u jistgħu jkunu intitolati għal appoġġ addizzjonali. Preżentement, l-appoġġ spiss ikun disponibbli għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi u ċ-ċittadini mobbli tal-UE bħala grupp speċifiku ħafna drabi ma jkollhomx appoġġ suffiċjenti. Ċertament, hemm eċċezzjonijiet għal dan u numru dejjem akbar ta' proġetti tal-gvern lokali u tas-soċjetajiet ċivili qed jipprovaw jimlew dan il-vojt. Barra minn hekk, kull sena, il-Kummissjoni tappoġġa proġetti ta' sensibilizzazzjoni dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u l-inklużjoni taċ-ċittadini mobbli tal-UE permezz tal-finanzjament dedikat tagħha fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-UE.

Barra minn hekk, ir-riċerka u l-letteratura internazzjonali ssib assoċjazzjoni qawwija bejn il-parteċipazzjoni kulturali u d-demokrazija. Jingħad li s-soċjetajiet ikunu aktar miftuħa u tolleranti, jiffunzjonaw aħjar, ikunu ekonomikament aktar b'saħħithom u b'sigurtà demokratika ogħla, meta n-nies ikollhom aċċess faċli għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet kulturali u fejn ir-rati ta' parteċipazzjoni f'dawn l-attivitajiet ikunu għoljin. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed tipprepara sabiex tniedi, fil-bidu tal-2021, studju indipendenti dwar "L-importanza tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-kultura għall-involviment ċiviku u d-demokrazija - lezzjonijiet ta' politika mir-riċerka internazzjonali". Dan se jiġbor fil-qosor l-għarfien u l-evidenza eżistenti dwar dan is-suġġett, se jislet il-lezzjonijiet ta' politika ewlenin u jenfasizza eżempji ta' azzjonijiet ta' suċċess minn diversi Stati Membri. L-istudju se jappoġġa lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea tal-Kultura l-Ġdida u tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Kultura tal-Kunsill għall-2019/2022.

**AZZJONI 4**

Il-Kummissjoni se tappoġġa l-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku, u se tieħu approċċi innovattivi sabiex tinvolvihom fil-proċess leġiżlattiv biex tiżgura li l-liġijiet tal-UE jkunu addattati u allinjati mal-valuri tal-UE. Se tmexxi bl-eżempju billi tiffinanzja proġetti li jappoġġaw l-involviment taċ-ċittadini Ewropej, permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri, id-deliberazzjoni u l-parteċipazzjoni fil-programm Orizzont Ewropa u fit-tranżazzjonijiet tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

**AZZJONI 5**

Il-Kummissjoni se tiffinanzja azzjonijiet speċifiċi lokali intiżi sabiex jappoġġaw l-inklużjoni taċ-ċittadini tal-UE fis-soċjetà tal-UE permezz tal-programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri.

**AZZJONI 6**

Il-Kummissjoni se tqajjem kuxjenza madwar l-UE kollha dwar l-importanza tal-parteċipazzjoni fil-kultura għas-soċjetà u d-demokrazija permezz ta' azzjonijiet immirati inkluż il-finanzjament.





# Faċilitar tal-eżerċitar tal-moviment liberu u simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum



*Aktar minn 8 minn kull 10 ċittadini tal-UE jaħsbu li l-moviment liberu fl-UE jirriżulta f'vantaġġi ġenerali għall-ekonomija ta' pajjiżhom.*

# ĊERTEZZA LEGALI AĦJAR FL-EŻERĊITAR TAD-DRITTIJIET TAL-MOVIMENT LIBERU

Il-**moviment liberu**[65], li jippermetti liċ-ċittadini tal-UE jgħixu, jaħdmu u jistudjaw fl-Istati Membri kollha, huwa l-egħżeż dritt taċ-ċittadini tal-UE. Fi stħarriġ tal-Ewrobarometru, aktar minn tmienja minn kull 10 li wieġbu (84 %) jaħsbu li l-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE ġewwa l-UE jirriżulta f'vantaġġi ġenerali għall-ekonomija tal-pajjiż tagħhom[66]. Huwa stmat li madwar 13,3 miljun ċittadin tal-UE eżerċita d-dritt tiegħu u mexa lejn Stat Membru ieħor. Madankollu li tmur tgħix f'pajjiż ieħor jista' jfisser għadd ta' sfidi legali u amministrattivi[67] u l-Kummissjoni appoġġat kemm lill-Istati Membri kif ukoll liċ-ċittadini tal-UE billi ħarġet linji gwida[68] dwar kwistjonijiet identifikati bħala problematiċi matul it-traspożizzjoni jew fl-applikazzjoni tar-regoli tal-moviment liberu fil-prattika.

Sa mill-aħħar Rapport dwar iċ-Ċittadinanza, ġew identifikati għadd ta' kwistjonijiet problematiċi u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat **sentenzi importanti** li jiċċaraw ulterjorment id-dritt tal-moviment liberu taċ-ċittadini tal-UE u tal-membri tal-familja tagħhom. Waħda mill-kwistjonijiet kienet relatata mal-fatt li minħabba differenzi fir-regoli tal-liġi fl-Istati Membri, ir-rabtiet familjari jistgħu ma jingħatawx rilevanza meta familji qawsalla (jiġifieri fejn mill-inqas membru wieħed ikun LGBTIQ) jeżerċitaw id-dritt ta' moviment liberu tagħhom.

Fis-sentenza tagħha fil-**Kawża *Coman***, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tal-moviment liberu, it-terminu "konjuġi" ta' ċittadin tal-UE fid-Direttiva tal-Moviment Liberu japplika wkoll għal persuna tal-istess sess bħaċ-ċittadin tal-UE li miegħu jkun miżżewweġ[69]. F'istanza oħra, membri tal-familja minn pajjiżi barra mill-UE li kellhom karta ta' residenza (permanenti) mhux dejjem setgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni tal-viża meta jivvjaġġaw mill-Istat Membru ospitanti tagħhom lejn Stat Membru ieħor. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat f'żewġ sentenzi d-dritt tagħhom li jibbenefikaw minn din l-eżenzjoni[70]. Fir-rigward ta' minuri koperti mid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu[71], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett

ta' "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-UE użat fid-Direttiva dwar il-Moviment Liberu għandu jinftiehem li jinkludi kemm tfal bijoloġiċi kif ukoll tfal adottati taċ-ċittadin tal-UE.

Il-Kummissjoni beħsiebha tirrieżamina l-**linji gwida tal-2019 dwar il-moviment liberu**[72] sabiex ittejjeb iċ-ċertezza legali taċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet ta' moviment liberu tagħhom, u tiżgura applikazzjoni aktar effettiva u uniformi tal-leġiżlazzjoni dwar il-moviment liberu fl-UE kollha[73]. Il-linji gwida riveduti għandhom jirriflettu d-diversità tal-familji u għalhekk jgħinu lill-familji kollha - inkluż familji qawsalla - jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu. Għandhom jipprovdu gwida aġġornata għall-partijiet interessati kollha, b'mod partikolari ċ-ċittadini tal-UE, u jappoġġaw il-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw id-drittijiet taċ-ċittadini, kif ukoll tal-qrati u dawk li jipprattikaw il-professjoni legali.

Fl-aġġornament tal-linji gwida, il-Kummissjoni beħsiebha tindirizza l-applikazzjoni ta' **miżuri li jirrestrinġu l-moviment liberu**, speċifikament dawk li huma dovuti għal tħassib dwar is-saħħa pubblika. Il-pandemija tal-COVID-19 ippreżentat numru ta' sfidi uniċi għall-moviment liberu fl-UE kollha, hekk kif ħafna Stati Membri imponew restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar bħala prekawzjoni għas-saħħa[74].

F'Marzu 2020, il-Kummissjoni adottat linji gwida dedikati li jirrigwardaw l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema[75]. Biex tgħin fit-tneħħija gradwali tar-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u tikkoordina l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali, f'Mejju 2020 il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta' miżuri, inkluż approċċ komuni għall-kisba mill-ġdid tal-moviment liberu[76], kif ukoll sett ta' linji gwida u rakkomandazzjonijiet għat-turisti, il-vjaġġaturi u n-negozji, u kriterji sabiex it-turiżmu jerġa' jinġieb għall-istat li kien[77]. L-approċċ flessibbli ppreżentat kien ibbażat fuq kriterji epidemoloġiċi, l-applikazzjoni ta' miżuri tat-trażżin, u kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u ta' distanza soċjali.

Fl-4 ta' Settembru 2020, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, li kienet adottata mill-Kunsill fit-13 ta' Ottubru 2020. Ir-Rakkomandazzjoni[78] hija intiża sabiex tiżgura li kull miżura meħuda mill-Istati Membri sabiex tirrestrinġi l-moviment liberu minħabba l-COVID-19 tkun **proporzjonata, non-diskriminatorja, ikkordinata tajjeb u kkomunikata b'mod ċar** fuq il-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni nediet ukoll "**Nifttħu mill-ġdid l-UE**"[79], pjattaforma web b'informazzjoni essenzjali bil-lingwi kollha tal-UE għat-tnedija mill-ġdid b'mod sikur tal-moviment liberu u tat-turiżmu madwar l-Ewropa. Hija tinkludi informazzjoni fil-ħin reali dwar fruntieri, restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar, saħħa pubblika u miżuri ta' sikurezza, kif ukoll informazzjoni prattika oħra għall-vjaġġaturi.

Kif indikat fil-Patt Ewropew dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil[80], il-Kummissjoni se tadotta **Strateġija dwar il-futur ta' Schengen**, li ssaħħaħ il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen[81] u l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, u tistabbilixxi Forum ta' Schengen sabiex trawwem kooperazzjoni konkreta u metodi sabiex tapprofondixxi Schengen permezz ta' programm ta' appoġġ u kooperazzjoni biex tgħin sabiex jintemmu l-kontrolli fil-fruntieri interni. Fit-30 ta' Novembru 2020 saret l-ewwel laqgħa tal-Forum ta' Schengen.

Brexit kellu impatt sinifikanti fuq dawk iċ-ċittadini tal-UE - madwar 3,7miljun[82] - li, bħala riżultat tal-eżerċitar tad-drittijiet ta' moviment liberu tagħhom meta r-Renju Unit kien għadu membru tal-UE, preżentement jgħixu fir-Renju Unit[83]. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tipproteġi d-drittijiet tagħhom. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jiggarantixxi lil dawn iċ-ċittadini u l-membri tal-familja tagħhom bażikament l-istess drittijiet li għandhom bħalissa: jistgħu jibqgħu jgħixu, jistudjaw, jaħdmu u jivvjaġġaw bejn

*It-tifqigħa tal-COVID-19 ippreżentat għadd ta' sfidi uniċi għall-moviment liberu madwar l-UE.*

il-pajjiż ospitanti tagħhom u r-Renju Unit jew l-EU-27. L-istess japplika għal kull ċittadin tal-UE li jiċċaqlaq lejn ir-Renju Unit qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni[84]. Il-Kummissjoni se tgħin liċ-ċittadini tal-UE fir-Renju Unit biex ikollhom għarfien sħiħ tad-drittijiet tagħhom u se tiżgura li tqajjem kwalunkwe kwistjoni potenzjali ta' implimentazzjoni mal-awtoritajiet tar-Renju Unit. It-Tieni Parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ tipproteġi wkoll id-drittijiet ta' aktar minn miljun ċittadin tar-Renju Unit, li sa mill-1 ta' Frar 2020 ma għadhomx ċittadini tal-UE iżda għadhom jgħixu fil-pajjiżi tal-UE, billi tissalvagwardja d-dritt tagħhom li jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fil-pajjiż ospitanti tagħhom. Huwa jipprovdi għal drittijiet ta' residenza, drittijiet ta' dħul u ħruġ, dritt tax-xogħol, rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali u koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali. L-implimentazzjoni korretta tal-parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dwar id-drittijiet taċ-ċittadini, inkluż tal-gruppi żvantaġġati, hija waħda mill-ogħla prijoritajiet għall-Kummissjoni. Iċ-ċittadini kollha għandu jkollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom.

**AZZJONI 7**

**Fl-2022, il-Kummissjoni se ttejjeb iċ-ċertezza legali taċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu u tal-amministrazzjonijiet nazzjonali billi taġġorna l-linji gwida dwar il-moviment liberu tal-UE tal-2009. Il-linji gwida aġġornati se jieħdu inkunsiderazzjoni d-diversità tal-familji (familji qawsalla), l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi, bħal dawk introdotti minħabba tħassib dwar is-saħħa pubblika, kif ukoll is-sentenzi rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja.**

**AZZJONI 8**

**Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-protezzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE li bħala riżultat tal-eżerċitar tad-dritt tagħhom ta' moviment liberu waqt li r-Renju Unit kien għadu membru tal-UE, kienu residenti fir-Renju Unit qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni.**

# SIMPLIFIKAZZJONI TAX-XOGĦOL U L-IVVJAĠĠAR TRANSFRUNTIER

Fl-2019, l-UE introduċiet sigurtà aktar stretta għal **karti tal-identità u dokumenti ta' residenza** maħruġa liċ-ċittadini tal-UE[85]. Il-karti l-ġodda se jiffaċilitaw l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini mobbli tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom, ħaddiema transfruntiera, studenti, turisti u vjaġġaturi oħra. Ir-regoli l-ġodda, li se jibdew japplikaw fit-2 ta' Awwissu 2021, se jtejbu s-sigurtà tal-karti tal-ID u residenza fl-UE kollha billi jintroduċu standards minimi kemm għall-informazzjoni kontenuta fihom kif ukoll għall-karatteristiċi ta' sigurtà komuni għall-Istati Membri kollha li joħorġu dawn id-dokumenti[86]. Il-Kummissjoni se tesplora metodi sabiex tinkoraġġixxi l-użu ta' għodod diġitali u innovazzjonijiet li jużaw kapaċitajiet offruti mill-karti tal-identità maħruġa skont ir-regoli l-ġodda tas-servizz elettroniċi tal-gvern u tal-kummerċ.

Is-**simplifikazzjoni tal-proċeduri u tal-formalitajiet amministrattivi** hija kruċjali għaċ-ċittadini li jiċċaqilqu minn Stat Membru għal ieħor. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għad-dokumenti pubbliċi bħal ċertifikati tat-twelid, prova ta' ċittadinanza jew siltiet minn kondotti kriminali li kienu stabbiliti f'pajjiż barrani u li jeħtieġu jiġu tradotti u llegalizzati sabiex jiġu aċċettati minn awtorità pubblika. Ir-Regolament tad-Dokumenti Pubbliċi[87] jidħol fis-seħħ bis-sħiħ fis-16 ta' Frar 2019 u jiffaċilita l-eżerċitar miċ-ċittadini tal-libertà ta' moviment tagħhom fl-UE. Il-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli ġodda u tappoġġa b'mod attiv lill-Istati Membri sabiex jegħlbu problemi rrapportati miċ-ċittadini jew mill-awtoritajiet.

Iċ-ċittadini tal-UE huma intitolati jiċċaqilqu b'mod liberu bejn l-Istati Membri għal raġunijiet ta' xogħol mingħajr ma jsofru diskriminazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol - inkluż fir-rigward tar-remunerazzjoni. **Il-ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera** huma persuni li jaħdmu fi Stat Membru wieħed iżda jgħixu f'ieħor. Fl-2019, dan it-terminu kien japplika għal

żewġ miljuni[88] mill-220 miljun persuna impjegata ta' bejn l-20-64 sena fl-UE, ekwivalenti għal kważi 1 % tat-total tal-ħaddiema tal-UE. Fil-qasam tat-tassazzjoni, ma hemmx regoli fuq livell tal-UE dwar it-tifsira ta' ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera, it-tqassim tad-drittijiet ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u r-regoli ta' tassazzjoni li għandhom japplikaw. L-Istati Membri ġirien b'ħafna ċittadini li jaqsmu l-fruntieri għax-xogħol ħafna drabi jinkludu regoli speċjali għal ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera fil-konvenzjonijiet bilaterali tagħhom dwar it-tassazzjoni doppja. Ħafna drabi dawn ir-regoli japplikaw għal ċittadini li jgħixu u jaħdmu f'żona dejqa matul il-fruntiera. Billi dawn ir-regoli jirriflettu s-sitwazzjoni speċjali bejn żewġ Stati Membri u huma r-riżultat ta' negozjati bejniethom, huma jvarjaw minn konvenzjoni dwar tassazzjoni doppja għal oħra. L-introjtu ta' ħaddiem li jaqsam il-fruntiera jista' jiġi ntaxxat minn wieħed jew miż-żewġ Stati Membri kkonċernati, skont l-arranġamenti tat-taxxa[89]. Il-Kummissjoni beħsiebha toħroġ rakkomandazzjonijiet sabiex ittejjeb is-sitwazzjoni tal-kontribwenti b'attivitajiet transfruntiera, inklużi l-ħaddiema li jaqsmu l-fruntiera. Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar it-Taxxa tagħha ta' Lulju 2020[90] il-Kummissjoni ħabbret li fl-2021 se tniedi inizjattiva dwar id-drittijiet tal-kontribwenti tal-UE u sabiex tissimplifika l-obbligi fiskali taċ-ċittadini tal-UE.

L-ivvjaġġar bejn l-Istati Membri jista' kultant jinvolvi l-użu ta' diversi modi ta' trasport ("multimodalità"). **Il-pjanifikaturi tal-vjaġġi multimodali**[91] jipprovdu lill-vjaġġaturi Ewropej b'informazzjoni komprensiva minn bieb sa bieb sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati skont il-bżonnijiet tagħhom. Jintegraw bla xkiel l-informazzjoni dwar modi ta' trasport differenti, b'mod speċjali t-trasport pubbliku bil-ferrovija u lokali u jwasslu għal sistema tat-trasport aktar effiċjenti. Dan huwa ta' vantaġġ sinifikanti għaċ-ċittadini, peress li mhux dejjem huwa faċli li jkollok informazzjoni preċiża dwar it-trasport u l-konnessjonijiet transfruntiera. Dan għandu jagħti wkoll il-possibbiltà li l-persuni jagħżlu l-modi ta' trasport li jikkawżaw l-inqas ħsara lill-ambjent. Il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ tagħha għal servizzi li jgħinu lin-nies fit-tfittxija tal-UE għal u fl-ibbukkjar ta' konnessjonijiet ta' trasport multimodali.

**2 miljun**

**ċittadin tal-UE jaħdmu fi Stat Membru iżda jgħixu f'ieħor.**

**AZZJONI 9** Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tippromwovi l-inklużjoni ta' soluzzjonijiet transfruntiera tal-gvern elettroniku u tan-negozju elettroniku fil-karti tal-identità il-ġodda.

**AZZJONI 10** Fl-2021, il-Kummissjoni se tniedi inizjattivi dwar id-drittijiet tal-kontribwenti tal-UE u sabiex tissimplifika l-obbligi fiskali taċ-ċittadini tal-UE.

**AZZJONI 11** Il-Kummissjoni se tniedi inizjattiva sabiex tappoġġa żvilupp ulterjuri ta' pjanifikaturi multimodali, kif ukoll servizzi diġitali li jiffaċilitaw l-ibbukkjar u l-ħlas ta' offerti ta' mobbiltà differenti.

# Protezzjoni u promozzjoni taċ-ċittadinanza tal-UE

*Iċ-ċittadinanza tal-UE hija bbażata fuq il-valuri komuni, li jinkludu r-rispett tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali.*

# PROTEZZJONI TAĊ-ĊITTADINANZA TAL-UE

Iċ-**ċittadinanza tal-UE** u d-**drittijiet** mogħtija minnha huma **ankrati fit-Trattati**. In-nazzjonalità ta' Stat Membru hija l-unika kundizzjoni għaċ-ċittadinanza tal-UE. Meta jagħtu n-nazzjonalità, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jagħmlu dan mingħajr ma jimminaw is-sustanza, il-valur u l-integrità taċ-ċittadinanza tal-UE. Din l-integrità tiġi mminata meta l-Istati Membri jagħtu n-nazzjonalità u għalhekk iċ-ċittadinanza tal-UE bħala korrispettiv għal livelli ta' investiment iddeterminati minn qabel mingħajr ebda rekwiżit ta' rabta reali bejn l-investitur u l-pajjiż. Il-valuri u prinċipji tal-UE bħas-solidarjetà bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri jiddgħajfu jekk il-parteċipazzjoni fil-proġett Ewropew, it-tgawdija tad-drittijiet tiegħu, u l-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika jkunu soġġetti għal sempliċiment tranżazzjoni ekonomika. Dawn il-prinċipji fundamentali jkunu mhedda ulterjorment bi **skemi ta' ċittadinanza għall-investituri** li jiffaċilitaw l-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni kif enfasizzat fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Jannar 2019[92] u Lulju 2019[93]. Fl-20 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni nediet proċeduri ta' ksur kontra żewġ Stati Membri minħabba l-iskemi tagħhom ta' ċittadinanza għall-investituri, imsejħa wkoll skemi ta' "passaporti tad-deheb"[94]. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-sitwazzjoni dwar l-iskemi ta' residenza għall-investitur jew il-"viżi tad-deheb", li jippreżentaw riskji simili.

**AZZJONI 12**

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi r-riskji imposti mill-iskemi ta' ċittadinanza tal-UE għall-investituri, inkluż fil-kuntest ta' proċeduri ta' ksur pendenti, u tintervjeni kif meħtieġ.

# IL-PAĊI, ID-DEMOKRAZIJA

## U D-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

**kienu l-valuri li ċ-ċittadini tal-UE jħossu li huma dawk li jirrappreżentaw l-UE l-aħjar.**

*Li tmur barra biex tistudja, titgħallem, titħarreġ u taħdem jew tipparteċipa f'attivitajiet taż-żgħażagħ u tal-isport jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-identità Ewropea fid-diversità tagħha kollha u jrawwem ċittadinanza attiva fost nies ta' kull età.*

# PROMOZZJONI TAĊ-ĊITTADINANZA TAL-UE U TAL-VALUR TAL-UE

Iċ-ċittadinanza tal-UE hija msejsa fuq **valuri** komuni, kif iddikjarat fl-Artikolu 2 tat-Trattat[95], li jinkludu r-rispett tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-ugwaljanza u d-drittijiet fundamentali. L-istħarriġ tal-Ewrobarometru mwettaq fl-2019 wera li ċ-ċittadini Ewropej jagħżlu kważi l-istess valuri bħala dawk li jirrappreżentaw bl-aħjar mod lill-UE, jiġifieri d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li jiġu biss wara l-paċi[96].

Il-COVID-19 sfida ċerti valuri tal-UE, peress li wassal għal **restrizzjonijiet temporanji tad-drittijiet fundamentali u tal-valuri demokratiċi**. Malajr qamu mistoqsijiet dwar kif jenħtieġ li jsiru l-elezzjonijiet f'dawn iċ-ċirkustanzi, kif jistgħu jitwettqu kampanji elettorali b'mod ġust, kif iċ-ċittadini jistgħu jsemmgħu leħinhom u x'restrizzjonijiet jistgħu jiġu implimentati. L-indirizzar ta' dawn il-kwistjonijiet huwa partikolarment importanti, billi fi żminijiet ta' kriżi l-protezzjoni tal-valuri demokratiċi hija ta' importanza kbira u billi ċ-ċirkustanzi li wasslu għal dawn il-miżuri jistgħu jerġgħu jseħħu. Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiċi bejn l-Istati Membru dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż miżuri regolatorji, fin-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet. Anki mingħajr il-pandemija, il-polarizzazzjoni kibret fl-Ewropa fis-snin reċenti, bħal fi bnadi oħra, u l-valuri Ewropej kienu sfidati kemm barra kif ukoll ġewwa l-UE.

Sabiex tiġi promossa **kultura ta' stat tad-dritt** fost il-pubbliku ġenerali, il-Kummissjoni ħabbret numru ta' azzjonijiet fil-Komunikazzjoni tagħha ta' Lulju 2019 dwar "It-Tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-Unjoni - pjan iddettaljat għal azzjoni"[97]. Pereżempju kampanja pubblika ta' komunikazzjoni ddedikata dwar l-istat tad-dritt. Hija ppubblikat ukoll l-ewwel Rapport dwar l-Istat tad-Dritt annwali tagħha fit-30 ta' Settembru 2020[98], li jinsab fil-qalba tal-Mekkaniżmu Ewropew ġdid tal-Istat tad-Dritt[99]. Dan se jqanqal diskussjoni permanenti dwar l-istat tad-dritt, sena wara sena, u jgħin sabiex joħloq kultura ta' stat tad-dritt fl-UE.

Ħafna Ewropej jaraw il-**programm ta' Erasmus+** bħala waħda mill-kisbiet prinċipali[100] tal-UE[101]. Li tmur barra sabiex tistudja, titgħallem, titħarreġ u taħdem jew tipparteċipa f'attivitajiet taż-żgħażagħ u l-isport jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-identità Ewropea fid-diversità tagħha kollha u jrawwem ċittadinanza attiva fost nies ta' kull età. Erasmus+ jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika Ewropea, iqajjem għarfien dwar il-valur komuni Ewropej inklużi d-drittijiet fundamentali u jġib flimkien liż-żgħażagħ u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fuq livell lokali, nazzjonali u tal-Unjoni[102]. L-azzjonijiet Jean Monnet tal-programm Erasmus+ jrawmu sens ta' identità u impenn Ewropej permezz tal-iżvilupp tal-eċċellenza tal-istudji dwar l-integrazzjoni Ewropea. L-Erasmus+ futur se jespandi l-azzjonijiet Jean Monnet mill-qasam tal-edukazzjoni għolja għal oqsma oħra ta' edukazzjoni u taħriġ.

**L-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza** hija intiża sabiex tippromwovi ċittadinanza attiva u tgħin liż-żgħażagħ jiskopru posthom fis-soċjetà kumplessa tal-lum. L-attivitajiet jistgħu jinvolvu volontarjat[103] mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, parteċipazzjoni f'esperjenzi virtwali permezz tal-iskambji virtwali tal-Erasmus+[104] jew safar u skoperta ta' kulturi ġodda permezz ta' Discover EU. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Promozzjoni ta' valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva

u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim[105] tistieden lill-Istati Membri jkabbru l-isforzi tagħhom sabiex jippromwovu valuri komuni bħar-rispett tad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem. Ir-Rakkomandazzjoni tħeġġeġ ukoll sistemi ta' edukazzjoni inklużivi, appoġġ akbar għall-persunal tal-edukazzjoni u **tagħlim dwar l-Ewropa** u l-Istati Membri tagħha sabiex ikabbru sens ta' appartenenza għall-iskola, għall-komunità lokali, għall-pajjiż u anki għall-familja Ewropea. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq proġetti innovattivi li jippromwovu l-edukazzjoni u l-esperjenzi dwar iċ-ċittadinanza taż-żgħażagħ, inkluż permezz tal-programm futur tal-Erasmus (2021-2027).

Il-valuri Ewropej jistgħu japplikaw ukoll fit-twettiq ta' attivitajiet ekonomiċi. L-**ekonomija soċjali** tinkludi strutturi ta' negozju bħal kooperattivi, soċjetajiet reċiproċi, assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, fondazzjonijiet u intrapriżi soċjali tkun xi tkun il-forma legali tagħhom. Apparti li jiġġeneraw miljuni ta' impjiegi, dawn in-negozji u organizzazzjonijiet huma wkoll il-mutur tal-innovazzjoni soċjali. Is-settur ipoġġi n-nies, is-solidarjetà u d-demokrazija fil-qalba tal-ħidma tiegħu. Huwa jipprovdi tweġibiet għal problemi kontemporanji u jrawwem l-idea ta' ċittadinanza. Dan jintwera b'mod partikolari mill-assoċjazzjonijiet u l-karitajiet numerużi li huwa jħaddan, u miż-żieda fir-ritmu tal-fenomenu tal-volontarjat f'ħafna pajjiżi Ewropej. L-ekonomija soċjali tippromwovi "ekonomija li taħdem għan-nies". Permezz tal-pjan ta' azzjoni tagħha dwar l-ekonomija soċjali skedat għall-adozzjoni fit-tieni nofs tal-2021, il-Kummissjoni se tadotta miżuri ġodda sabiex ittejjeb l-ambjent għall-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni soċjali u b'hekk trawwem inklużjoni u parteċipazzjoni soċjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tkompli tiżviluppa l-proġett tar-Reġjuni Ewropej tal-Ekonomija Soċjali (European Social Economy Regions, ESER) u se torganizza, mal-belt ta' Mannheim, is-Summit Ewropew tal-Ekonomija Soċjali f'Mejju 2021.

Fil-linji gwida tal-politika tagħha, il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li tiġi **indirizzata l-inugwaljanza** fl-UE. L-UE tista' tilħaq biss il-potenzjal sħiħ tagħha jekk tuża t-talent u d-diversità tagħha kollha. Il-fatt li n-nies fl-UE jkomplu jiffaċċjaw diskriminazzjoni idgħajjef l-koeżjoni soċjali tal-UE, iċaħħad l-ekonomija mill-potenzjal sħiħ tagħha u huwa sfida diretta għad-drittijiet fundamentali u għall-valuri tal-UE. F'konformità mal-impenn tal-President von der Leyen li tibni "Unjoni ta' Ugwaljanza", il-Kummissjoni adottat l-**Istrateġija tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025**[106], il-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu[107] u l-oqfsa strateġiċi dwar il-LGBTIQ[108] u r-Rom[109]. Il-programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021 jinkludi aktar inizjattivi f'dan il-qasam, bħal: Proposta għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq il-bażi tal-ġeneru u l-vjolenza domestika, Inizjattiva biex tiġi estiża l-lista ta' reati tal-UE għall-forom kollha ta' reati ta' mibegħda u diskors ta' mibegħda, Strateġija dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u Komunikazzjoni dwar l-istrateġija tal-UE dwar il-ġlieda kontra l-antisemitiżmu.

**AZZJONI 13**

Il-Kummissjoni se tipproponi miżuri ġodda għall-ugwaljanza u kontra d-diskriminazzjoni, kif imħabbar fid-dokumenti strateġiċi.

**AZZJONI 14**

Il-Kummissjoni se tappoġġa s-sens ta' identità Ewropea taż-żgħażagħ permezz tal-programm ERASMUS+, il-Programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-Azzjonijiet Jean Monnet.

**AZZJONI 15**

Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-impatt tal-miżuri restrittivi, speċjalment dawk implimentati matul il-kriżijiet, fuq id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE, l-elezzjonijiet liberi u ġusti u d-dibattitu demokratiku ġust, sakemm dawn il-miżuri jitneħħew u se tkompli tiffaċilita l-iskambju bejn l-Istati Membri dwar l-aħjar prattiki dwar dawn il-kwistjonijiet fin-Network ta' Kooperazzjoni Ewropea dwar l-Elezzjonijiet.





# Protezzjoni taċ-ċittadini tal-UE fl-Ewropa u f'pajjiżi barranin, inkluż fi żminijiet ta' kriżi/emerġenza



*Il-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha enfasizzaw il-valur tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn il-membri individwali tas-soċjetà.*



# SOLIDARJETÀ FIL-PRATTIKA GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE

Il-**pandemija tal-COVID-19** u l-konsegwenzi tagħha enfasizzaw il-valur tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, kif ukoll bejn il-membri individwali tas-soċjetà. Il-pandemija affettwat lill-Ewropej b'modi differenti, skont l-istatus soċjali tagħhom, is-sess, is-settur li jaħdmu fih, jekk humiex ikkunsidrati ħaddiema essenzjali jew mhux essenzjali, u bl-aktar mod serju - skont l-impatt tagħha fuq is-saħħa - skont l-età u l-kundizzjonijiet sottostanti tagħhom. Il-pandemija enfasizzat u kabbret ukoll inugwaljanza eżistenti fis-soċjetà tagħna[110]. Ir-rispons Ewropej kien varjat u jinvolvi lill-UE u lill-gvernijiet nazzjonali, lill-industrija, lis-soċjetà ċivili u liċ-ċittadini attivi fi ħdan il-komunitajiet tagħhom[111].

Sabiex tipproteġi l-ħajjiet u l-għajxien, u sabiex tiżgura rkupru dejjiemi u prosperuż, il-Kummissjoni pproponiet **Next Generation EU** - programm ta' rkupru ta' EUR 750 biljun, kif ukoll tisħiħ immirat għall-baġit tal-UE 2021-2027. Il-Kummissjoni hija impenjata li żżomm l-ugwaljanza fil-qalba tal-irkupru, sabiex tiżgura stabbilità sostenibbli u fit-tul.

Il-pubbliku Ewropew jippretendi li l-UE tirrispondi b'mod aktar effettiv għall-kriżijiet ta' saħħa fil-futur. Bħala parti mir-rispons tagħha għall-pandemija tal-COVID-19, u billi tirrikonoxxi li l-vaċċin ġdid tal-COVID-19 jista' jagħti kontribut għall-ħruġ mill-pandemija, il-Kummissjoni żviluppat **Strateġija tal-UE għall-Vaċċin tal-COVID-19**[112], adottata f'Ġunju 2020, sabiex tiżgura aċċess għal dan il-vaċċin permezz ta' Ftehimiet ta' Xiri Minn Qabel ma' produtturi ewlenin tal-vaċċin tal-COVID-19. Hija tappoġġa wkoll lill-Istati Membri fit-tħejjija għall-iskjerament b'suċċess u l-użu suffiċjenti tal-vaċċini tal-COVID-19 ladarba jkunu disponibbli[113]. Il-Kummissjoni qed tibni wkoll **Unjoni Ewropea tas-Saħħa b'saħħitha**, li tipproteġi aħjar is-saħħa taċ-ċittadini, tgħammar lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jipprevjenu u jindirizzaw aħjar pandemiji futuri, u ttejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi tas-saħħa tal-Ewropa. Għal dan il-għan, fil-11 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament dwar theddid transfruntier serju[114] għas-saħħa biex tkompli tiġi protetta s-saħħa tal-Ewropej u biex b'mod kollettiv ikun hemm reazzjoni għal kriżijiet tas-saħħa transfruntiera, flimkien ma' proposti biex jiġu estiżi l-mandati tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini[115] u taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard[116].

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll programm tas-saħħa ġdid - **EU4Health**, li se jappoġġa azzjonijiet li jipproteġu liċ-ċittadini fl-Unjoni minn theddid serju transfruntier għas-saħħa, itejbu d-disponibbiltà fl-Unjoni ta' mediċini, apparat mediku u prodotti oħra relatati ma' kriżi, jikkontribwixxu għall-affordabbiltà tagħhom, jappoġġaw l-innovazzjoni u jsaħħu s-sistemi tas-saħħa u l-ħaddiema tas-saħħa, inkluż permezz ta' trasformazzjoni diġitali.

Mill-bidu tal-Kummissjoni von der Leyen, l-implimentazzjoni sħiħa tal-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** kienet prijorità politika. Li jiġi żgurat li l-ħaddiema fl-UE jaqilgħu għajxien deċenti huwa essenzjali għall-irkupru, kif ukoll sabiex jinbnew ekonomiji ġusti u reżiljenti, u l-pagi minimi għandhom rwol importanti f'dan. Il-pagi minimi huma rilevanti kemm f'pajjiżi li jiddependu biss fuq livelli ta' pagi miftiehma kif ukoll f'dawk

b’paga minima statutorja. Il-proposta tal-Kummissjoni[117] kienet adottata fit-28 ta› Ottubru 2020. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali se jkun il-boxxla għall-irkupru tal-Ewropa u l-aqwa għodda biex jiżgura li ħadd ma jaqa’ lura. Il-Kummissjoni ħabbret[118] li se tippreżenta pjan ta’ azzjoni ambizzjuż sabiex tiżgura implimentazzjoni sħiħa tal-Pilastru. Il-pjan ta’ azzjoni se jikkontribwixxi għall-irkupru soċjoekonomiku u r-reżiljenza fuq terminu medju u għat-tul, bil-għan li jsaħħaħ il-ġustizzja soċjali tat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

Il-kriżi kellha impatt negattiv ukoll fuq il-ħajja taż-żgħażagħ, li jista’ jittaffa parzjalment bil-**Garanzija għaż-Żgħażagħ**[119].

Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, li tnediet fil-quċċata tal-kriżi preċedenti tal-impjiegi taż-żgħażagħ fl-2013, kellha effett trasformattiv sinifikanti f’ħafna Stati Membri. Sa mit-tnedija tagħha, aktar minn 24 miljun żagħżugħ ġie offrut impjieg, jew kompla l-edukazzjoni, taħriġ jew apprendistat bħala pass lejn karriera futura. Fil-pakkett ta’ appoġġ tagħha għall-impjiegi għaż-żgħażagħ tal-2020[120], il-Kummissjoni pproponiet aktar miżuri sabiex tappoġġa liż-żgħażagħ fis-suq tax-xogħol, inkluż bit-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ u bl-estensjoni tal-għajnuna għal żgħażagħ żvantaġġati fl-UE kollha[121].

**AZZJONI 16**

**Il-Kummissjoni se timplimenta l-istrateġija tal-UE għal vaċċini tal-COVID-19 flimkien mal-Istati Membri, billi tagħti liċ-ċittadini aċċess malajr, ġust u affordabbli għal dawn il-vaċċini. Il-Kummissjoni se tkompli l-ħidma tagħha fuq il-bini ta’ Unjoni Ewropea tas-Saħħa b’saħħitha, li fiha l-Istati Membri jħejju u jirreaġixxu flimkien għall-kriżijiet tas-saħħa, il-provvisti mediċi jkunu disponibbli, affordabbli u innovattivi, u l-pajjiżi jaħdmu flimkien biex itejbu l-prevenzjoni, it-trattament u l-kura ta’ segwitu għall-mard bħall-kanċer.**

**AZZJONI 17**

**Il-Kummissjoni se żżid l-appoġġ tagħha liċ-ċittadini żgħażagħ tal-UE, inklużi dawk minn gruppi żvantaġġati, sabiex tgħinhom jaċċedu għall-edukazzjoni, it-taħriġ u finalment is-suq tax-xogħol permezz tal-iskema Garanzija għaż-Żgħażagħ imsaħħa.**

# SOLIDARJETÀ FIL-PRATTIKA GĦAĊ-ĊITTADINI TAL-UE BARRA MILL-UE

Qabel il-pandemija globali, numru dejjem jikber ta' Ewropej vjaġġaw barra l-UE - inkluż f'destinazzjonijiet 'il bogħod[122]. Huwa stmat li qrib s-seba' miljun ċittadin tal-UE[123] jivvjaġġaw u jgħixu f'postijiet fejn ma humiex irrappreżentati[124]. Madankollu, mhux l-Istati Membri tal-UE kollha għandhom ambaxxata jew konsulat f'kull pajjiż tad-dinja. Id-dritt ta' aċċess ugwali għall-protezzjoni konsulari huwa wieħed mid-drittijiet speċifiċi mogħti liċ-ċittadini tal-UE mit-Trattati[125] u huwa eżempju tanġibbli ta' solidarjetà Ewropea. L-Istati Membri għandhom jassistu liċ-ċittadini tal-UE mhux irrappreżentati f'pajjiż terz taħt l-istess kundizzjonijiet kif jassistu liċ-ċittadini tagħhom. Skont l-istħarriġ tal-Flash Eurobarameter 485, madwar tliet kwarti ta' dawk li wieġbu (76 %) jafu b'dan id-dritt.

Filwaqt li l-protezzjoni konsulari hija pprovduta l-aktar fuq bażi ta' kuljum lil ċittadini tal-UE individwali f'diffikultà madwar id-dinja, hemm avvenimenti akbar li jeħtieġu **koordinazzjoni u azzjoni komuni tal-EU-27**. Fis-snin reċenti seħħew numru ta' avvenimenti li kienu jeħtieġu azzjoni komuni, inklużi diżastri naturali, attakki terroristiċi, inkwiet ċivili u tħejjija għal avvenimenti sportivi globali, iżda qatt sal-punt u bil-kumplessità bħal waqt il-pandemija tal-COVID-19.

Fi **sforz ta' ripatrijazzjoni mingħajr preċedent**, l-Istati Membri, appoġġati mill-Kummissjoni Ewropea u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, irnexxielhom, bejn Frar u Mejju 2020, iwasslu lura d-dar aktar minn nofs miljun ċittadin Ewropew affettwat mir-restrizzjoni tal-ivvjaġġar tal-COVID-19 madwar id-dinja[126]. Il-Kummissjoni kkofinanzjat titjiriet konġunti ta' ripatrijazzjoni mill-baġit tal-UE permezz tal-Mekkaniżmu ta' Protezzjoni tal-Unjoni Ċivili sa massimu ta' 75 %. Dan l-isforz wera s-solidarjetà Ewropea fil-prattika matul perjodu diffiċli, u l-benefiċċji ta' protezzjoni konsulari bħala parti mid-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE[127].

Fl-organizzazzjoni tar-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini tal-UE maqbuda f'pajjiż barrani minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-Istati Membri ġustament **ma trattawx b'mod differenti liċ-ċittadini tal-UE mhux irrappreżentati u dawk irrappreżentati**. Fejn kien hemm postijiet ta' ripatrijazzjoni disponibbli, iċ-ċittadini Ewropej kollha kienu assistiti[128].

Il-kriżi tal-COVID-19 uriet il-**ħtieġa ta' tisħiħ ulterjuri tas-solidarjetà tal-UE** għall-protezzjoni aħjar taċ-ċittadini tal-UE f'pajjiż barrani, b'mod partikolari waqt kriżijiet. Għad fadal differenzi kbar bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-kapaċità tagħhom li jipprovdu assistenza f'pajjiżi terzi, inkluż f'dak li jirrigwarda d-daqs tan-networks konsulari tagħhom, in-numru ta' persunal lokali u assi materjali disponibbli għar-ripatrijazzjoni. Dan jista' jaffettwa mhux biss liċ-ċittadini tal-UE mhux irrappreżentati,

# 7 miljun

ċittadin tal-UE jivvjaġġaw jew jgħixu f'postijiet fejn mhumiex irrappreżentati.

# 76%

taċ-ċittadini tal-UE huma konxji tad-dritt li jitolbu l-assistenza mingħand Stati Membri oħrajn, f'każ li pajjiżhom ma jkollux ambaxxata jew konsulat f'pajjiż terz.

iżda wkoll liċ-ċittadini tal-UE rrappreżentati meta l-Istat Membru tagħhom ma jkunx f'pożizzjoni li jipprovdi assistenza fil-ħin matul kriżi[129].

Il-lezzjonijiet meħuda mill-kriżi jitfgħu dawl fuq ir-rwol importanti tad-delegazzjonijiet tal-UE li kkoordinaw mal-Istati Membri tal-UE għar-ripatrijazzjoni taċ-ċittadini, billi għenu fit-tħejjija tal-listi ta' persuni fuq titjiriet kummerċjali u fuq titjiriet organizzati mill-gvernijiet tal-UE. Id-dritt tal-UE preżenti jillimita r-rwol tad-delegazzjonijiet tal-UE għall-koordinazzjoni u l-provvista ta' informazzjoni, iżda l-parti l-kbira taċ-ċittadini tal-UE[130] jilqgħu r-rwol aktar attiv tagħhom billi jipprovdu appoġġ liċ-ċittadini tal-UE fil-bżonn[131]. Bħala parti mill-prijorità ewlenija tagħha ta' "Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja", il-Kummissjoni se tirrieżamina d-**Direttiva dwar il-protezzjoni konsulari** sabiex tiffaċilita l-eżerċitar tad-dritt taċ-ċittadinanza tal-Unjoni ta' protezzjoni konsulari u ssaħħaħ is-solidarjetà tal-UE sabiex tipproteġi aħjar liċ-ċittadini f'pajjiżi barranin, b'mod partikolari waqt kriżijiet. Dan ikabbar il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jsaħħaħ ir-rwol ta' appoġġ tal-UE, billi jagħmel l-aħjar użu min-network uniku tad-delegazzjonijiet tal-UE biex jipprovdi assistenza konsulari lil ċittadini tal-UE f'każ ta' bżonn, pereżempju, billi jippermettilhom jorganizzaw titjiriet ta' ripatrijazzjoni u joħorġu dokumenti ta' vjaġġar ta' emerġenza. Id-delegazzjonijiet tal-UE jenħtieġ li jikkumplimentaw lin-networks konsulari tal-Istati Membri, b'mod partikolari f'pajjiżi terzi fejn ebda Stat Membru jew ftit Stati Membri individwali biss huma rrappreżentati. Billi mhux l-isfidi kollha jistgħu jiġu indirizzati fuq il-bażi tal-Artikolu 23 TFUE (protezzjoni konsulari), il-Kummissjoni se tirrifletti wkoll dwar jekk tespandix id-dritt ta' ċittadinanza tal-UE għall-protezzjoni konsulari fuq il-bażi tal-Artikolu 25(2) TFUE.

**AZZJONI 18**

**Fl-2021, il-Kummissjoni se tirrevedi r-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni konsulari sabiex tippromwovi t-tħejjija u l-kapaċità tal-UE u l-Istati Membri li jipproteġu u jappoġġaw liċ-ċittadini Ewropej fi żminijiet ta' kriżi.**





# Konklużjonijiet





Iċ-ċittadinanza tal-UE tinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew. Iċ-ċittadini jduru fuq l-UE għall-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom u biex iżżid il-valur f'oqsma differenti ta' ħajjithom. Il-kriżi tas-saħħa globali kompliet turi r-realtà tal-UE tal-lum, fejn għadd kbir ta' konnessjonijiet transfruntiera u effetti kollaterali jagħmlu approċċi komuni Ewropej neċessarji **għall-protezzjoni tal-ħajja u l-għajxien tal-Ewropej**.

Anki qabel l-kriżi tal-COVID-19, sfidi politiċi, soċjali u teknoloġiċi ġodda xprunaw **ir-reviżjoni ta' approċċi qodma u l-introduzzjoni ta' azzjonijiet ġodda** għall-protezzjoni u t-titjib tal-kapaċità taċ-ċittadini tal-UE li jeżerċitaw it-tliet drittijiet prinċipali tagħhom: il-moviment liberu; il-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet liberi u ġusti; u l-protezzjoni konsulari barra l-UE. Madankollu, kif jirrifletti dan ir-rapport, il-kunċett ta' ċittadinanza tal-UE u l-azzjonijiet tal-UE ffokati fuq iċ-ċittadin, imorru lil hinn minn dan.

Il-Kummissjoni ssegwi u tevalwa kontinwament is-sitwazzjoni fl-Istati Membri u taġixxi f'konformità mat-Trattati tal-UE u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. se tipproponi azzjonijiet leġiżlattivi f'għadd ta' oqsma fis-snin li ġejjin **sabiex tagħlaq il-vojt u ttejjeb iċ-ċertezza legali taċ-ċittadini fl-eżerċitar tad-drittijiet tagħhom**. F'oqsma oħra, it-tgawdija sħiħa tad-drittijiet taċ-ċittadini ma tiddependix biss fuq leġiżlazzjoni, iżda wkoll fuq l-implimentazzjoni tagħha, li jbiddel il-kuntest, billi jippermetti liċ-ċittadini jgawdu b'mod sħiħ mill-ispirtu ta' dawn id-drittijiet. F'dawn l-oqsma, dan ir-rapport iressaq azzjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni se taħdem sabiex tikseb il-bidliet neċessarji.

Il-Kummissjoni hija impenjata li timplimenta l-azzjonijiet stabbiliti f'dan ir-rapport. Għal dan il-għan, hija se taħdem fi **sħubija** ma' oħrajn – mal-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u l-aktar importanti, maċ-ċittadini stess.

# Anness dwar is-segwitu tal-azzjonijiet imħabbra fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-2017

# Promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE u tal-valuri komuni tal-UE

1. Fl-2017 u 2018, titmexxa **kampanja li żżid l-għarfien u l-informazzjoni mifruxa mal-UE dwar id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-UE**, inkluż dwar il-protezzjoni konsulari u d-drittijiet elettorali, qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019.

   **Azzjonijiet**

   Sabiex tappoġġa l-parteċipazzjoni elettorali u tagħti s-setgħa liċ-ċittadini sabiex jieħdu deċiżjonijiet informati qabel l-**elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew ta' Mejju 2019**, il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Parlament Ewropew, wettqet **kampanji ta' informazzjoni u komunikazzjoni**, inkluż dwar x'tagħmel l-UE, kif wieħed għandu jivvota u kif wieħed għandu jinvolvi ruħu. Dawn il-kampanji kienu proattivi u multilingwi b'dimensjoni lokali b'saħħitha, u pprovdew informazzjoni dwar skadenzi għar-reġistrazzjoni, fejn wieħed għandu jirreġistra, u l-istadji prattiċi neċessarji kollha.

   Fis-Sajf tal-2018, il-Kummissjoni (DG JUST) għamlet kampanja ta' suċċess fuq il-media soċjali sabiex **tinforma liċ-ċittadini tal-UE li kienu se jivvjaġġaw dwar id-dritt tagħhom għal protezzjoni konsulari f'pajjiżi barranin**. Il-kampanja mmarkat il-bidu tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-protezzjoni ċivili.

2. Tittieħed azzjoni għat-tisħiħ tas-**Servizz Volontarju Ewropew** u l-promozzjoni tal-benefiċċji u l-integrazzjoni tal-volontarjat fl-edukazzjoni. Sal-2020, jiġu mistiedna l-ewwel 100 000 żagħżugħ Ewropew għal volontarjat mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jipprovdi l-opportunità ta' żvilupp ta' kapaċitajiet ġodda u esperjenzi sinifikanti, sabiex jingħata kontribut importanti lis-soċjetà fl-Ewropa kollha, u sabiex jiksbu esperjenza ta' valur kbir u kapaċitajiet imprezzabbli fil-bidu tal-karriera tagħhom.

   **Azzjonijiet**

   **Ir-Regolament (UE) 2018/1475** li jistabbilixxi l-qafas legali tal-**Korp Ewropew ta' Solidarjetà** daħal fis-seħħ f'Ottubru 2018. Dan ir-regolament jistabbilixxi qafas legali għaż-żgħażagħ sabiex jagħmlu volontarjat u jaħdmu fi proġetti ta' benefiċċju fl-Ewropa kollha taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

3. Protezzjoni tas-sustanza taċ-ċittadinanza tal-UE u l-valuri inerenti tagħha; jinħareġ rapport dwar **skemi nazzjonali li jagħtu ċittadinanza tal-UE lill-investituri** li jiddeskrivi l-azzjoni tal-Kummissjoni f'dan il-qasam, il-leġiżlazzjoni nazzjonali preżenti, u jipprovdi ftit gwida lill-Istati Membri.

**Azzjonijiet**

**F'Jannar 2019**, il-Kummissjoni **adottat ir-rapport tagħha** dwar iċ-ċittadinanza għall-investituri u l-iskemi ta' residenza fl-UE (COM(2019) 12 final). Dan huwa l-ewwel studju fattwali komprensiv dwar iċ-ċittadinanza għall-investituri ("passaporti tad-deheb") u l-iskemi ta' residenza ("viżas tad-deheb") fl-UE. Dan juri prattiċi eżistenti u jidentifika r-riskji għall-UE li jimplikaw skemi bħal dawn, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà, il-ħasil tal-flus, l-evażjoni tat-taxxa u l-korruzzjoni. Il-Kummissjoni tkompli ssegwi kwistjonijiet aktar wiesgħa ta' konformità mad-dritt tal-UE li jirriżultaw minn dawn l-iskemi.

**F'Mejju 2018**, il-Kunsill adotta **Rakkomandazzjoni għall-promozzjoni tal-valuri komuni, l-edukazzjoni inklużiva u d-dimensjoni Ewropea tat-tagħlim**. Ir-Rakkomandazzjoni hija intiża sabiex tippromwovi sens ta' appartenenza - billi tagħti valuri komuni, tipprattika edukazzjoni inklużiva u tagħlim dwar l-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex tgħin fit-tisħiħ tas-sens ta' appartenenza fl-iskola, fil-komunità lokali u fil-pajjiż u anki fil-familja tal-UE. F'**Mejju tal-2018** ukoll, bħala parti mill-ewwel pakkett tal-ħidma dwar il-Qasam Ewropew tal-Edukazzjoni, il-Kunsill adotta r-**Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għal Tagħlim matul il-Ħajja**, li tinkludi kompetenza relatata maċ-ċittadini.

F'Novembru 2019, il-Kummissjoni (DG EAC) nediet il-Premju Jan Amos Comenius, li jippremja skejjel sekondarji li jużaw metodi kreattivi fit-tagħlim tal-istudenti dwar l-Unjoni Ewropea.

Fl-2017, 2018 u 2019, il-Kummissjoni (DG EAC) implimentat il-**Premju Altiero Spinelli għas-Sensibilizzazzjoni**, li ppremja ħidmiet notevoli li jsaħħu t-tagħrif u l-għarfien taċ-ċittadini tal-UE.

## Promozzjoni u tisħiħ tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-UE

1. Jiġu intensifikati d-**Djalogi taċ-Ċittadini** u jiġu mħeġġa dibattiti pubbliċi, sabiex il-pubbliku jifhem aħjar l-impatt tal-UE fuq il-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini u jinkoraġġixxi skambju ta' ideat maċ-ċittadini.

**Azzjonijiet**

Mill-2014 sal-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew f'Mejju 2019, ġew organizzati madwar 1 800 Djalogu taċ-Ċittadini, f'aktar minn 635 post differenti, li għaqdu flimkien 200 000 ċittadin ta' nazzjonalitajiet, etajiet, razez, reliġjonijiet u opinjonijiet politiċi differenti. Kull Kummissarju individwali pparteċipa b'mod attiv f'dawn id-djalogi, li għenu liċ-ċittadini jifhmu kif jaħdmu għalihom il-politiki tal-UE, fi sforz sabiex jiżdied l-involviment dirett ma' superjuri li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-Kummissjoni, kif ukoll mad-demokrazija tal-UE b'mod aktar wiesa'.

2. Tiġi rrapportata l-implimentazzjoni tad-dritt tal-UE **dwar elezzjonijiet lokali**, sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-drittijiet tal-vot tagħhom fil-livell lokali.

**Azzjonijiet**

Fit-twettiq tal-impenji tagħha fir-rapport tal-2017 dwar iċ-Ċittadinanza, fi **Frar 2018 il-Kummissjoni ħarġet rapport** (COM/2018/044 final) dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-UE li jivvutaw u joħorġu bħala kandidati f'elezzjonijiet muniċipali meta jkunu jgħixu fi Stat Membru ieħor tal-UE. Ir-rapport irrikonoxxa kif dawn iċ-ċittadini "mobbli" eżerċitaw dawn id-drittijiet sa mill-2012, u identifika l-mod sabiex jitjieb t-tagħrif tal-parteċipazzjoni demokratika tagħhom, b'informazzjoni u sensibilizzazzjoni dwar dan id-dritt fost iċ-ċittadini, biex b'hekk il-proċess ta' votazzjoni jsir aktar faċli, u bl-involviment tal-persuni kkonċernati sabiex dan jinkiseb. Dan ir-rapport ippreżenta prattiċi mill-Istati Membri li jippromwovu l-involviment demokratiku taċ-ċittadini.

3. **Jiġu promossi l-aħjar prattiċi li jgħinu liċ-ċittadini jivvutaw u joħorġu għall-elezzjonijiet tal-UE**, inkluż billi jinżamm id-dritt tal-vot meta jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor u aċċess transfruntier għall-aħbarijiet politiċi, biex tiġi appoġġata parteċipazzjoni fil-votazzjoni u parteċipazzjoni wiesgħa demokratika fil-perspettiva tal-elezzjonijiet Ewropej tal-2019.

**Azzjonijiet**

Fi Frar 2018, il-Kummissjoni ħarġet **Rakkomandazzjoni dwar it-tisħiħ tan-natura Ewropea u t-tmexxija effiċjenti tal-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019** (C(2018) 900 final). Hija stiednet lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jippromwovu l-eżerċitar tad-drittijiet elettorali ta' gruppi b'rappreżentazzjoni baxxa, inklużi persuni b'diżabbiltà, u b'mod ġenerali sabiex jappoġġaw aġir demokratiku u li jingħata kontribut sabiex tinkiseb parteċipazzjoni għolja.

L-istess awtoritajiet ingħataw ukoll il-funzjoni li jidentifikaw, fuq il-bażi tal-esperjenzi tal-Istati Membri, l-aħjar prattiċi għall-identifikazzjoni, it-tnaqqis u l-ġestjoni tar-**riskji tal-proċess elettorali** minn attakki ċibernetiċi u mid-diżinformazzjoni. Il-Kummissjoni **organizzat avveniment sabiex tiffaċilita dan f'April 2018**, li ffoka fuq skambju ppjanat ta' prattiċi bejn l-Istati Membri, u li inkluda preżentazzjonijiet dwar iż-żieda tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini b'diżabbiltà bħala kandidati.

Bħala parti mill-isforzi aktar wiesa' għal elezzjonijiet liberi u ġusti, **il-Kummissjoni adottat f'Settembru 2018 il-pakkett Elettorali**, li inkluda Komunikazzjoni u Rakkomandazzjoni, li jinkoraġġixxu lill-Istati Membri jistabbilixxu networks ta' elezzjonijiet nazzjonali, li jinvolvu lill-awtoritajiet nazzjonali b'kompetenza fi kwistjonijiet elettorali u awtoritajiet responsabbli mill-monitoraġġ u l-infurzar tar-regoli relatati mal-attivitajiet online rilevanti għall-kuntest elettorali. In-networks ta' kooperazzjoni f'elezzjonijiet nazzjonali ħatru punti ta' kuntatt sabiex jipparteċipaw fin-**network Ewropew ta' kooperazzjoni fl-elezzjonijiet**, li jservi bħala pjattaforma sabiex jidentifika theddid, skambju tal-aħjar prattiċi, diskussjoni dwar soluzzjonijiet sabiex jiġu identifikati sfidi u jinkoraġġixxu proġetti u eżerċizzji komuni bejn in-networks nazzjonali.

F'Novembru 2018, il-Kummissjoni ddedikat il-**Kollokju annwali tagħha dwar id-Drittijiet Fundamentali lid-demokrazija fl-UE**. Hija laqqgħet flimkien rappreżentanti ta' livell għoli tal-gvernijiet tal-Istati Membri, organizzazzjonijiet internazzjonali, is-settur privat, akkademiċi u s-soċjetà ċivili sabiex jiddibattu: (i) il-kwistjoni tal-parteċipazzjoni demokratika u r-rappreżentazzjoni politika taċ-ċittadini tal-UE fid-dibattitu demokratiku; (ii) ir-rwol tas-soċjetà ċivili għal demokrazija vibranti; u (iii) l-importanza ta' informazzjoni trasparenti u tajba għal dibattitu demokratiku informat u inkluživ u elezzjonijiet sikuri.

Il-Kummissjoni ħeġġet ukoll il-promozzjoni tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE fuq livell lokali, bis-saħħa tal-iffinanzjar mill-programm dwar id-drittijiet, l-ugwaljanza u ċ-ċittadinanza u permezz ta' avvenimenti, pereżempju, il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet.

## Simplifikazzjoni tal-ħajja ta' kuljum għaċ-ċittadini tal-UE

1. Tiġi ppreżentata proposta għall-istabbiliment ta' "**Gateway Unika Diġitali**" sabiex tagħti liċ-ċittadini aċċess online faċli għall-informazzjoni, assistenza u servizzi ta' soluzzjoni tal-problemi u l-possibbiltà li jitlestew proċeduri amministrattivi online f'sitwazzjonijiet transfruntiera billi jiġu konnessi kontenut u servizzi fuq livell tal-UE u nazzjonali b'mod kontinwu, faċli għall-utent u ffokat fuq l-utent. Barra minn hekk, tiġi evalwata t-tneħħija ta' burokrazija f'amministrazzjonijiet nazzjonali billi jeħtieġ li ċ-ċittadini jipprovdu d-data tagħhom darba biss.

**Azzjonijiet**

**Ir-Regolament (UE) 2018/1724** li jistabbilixxi **gateway diġitali unika** li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012, daħal fis-seħħ fil-11 ta' Diċembru 2018. Il-gateway l-ġdida hija integrata b'mod sħiħ fil-portal aġġornat L-Ewropa Tiegħek u jipprovdi aċċess għal informazzjoni u proċeduri online, kif ukoll għal servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi lill-individwi u kumpaniji.

2. Ikomplu jiġu ffaċilitati u promossi l-**ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha** sabiex il-mobbiltà taċ-ċittadini tal-UE issir aktar effiċjenti u faċli għall-utent, permezz tal-ispeċifikazzjoni tas-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha u t-titjib tal-interoperabbiltà u l-kompatibbiltà tas-sistemi u s-servizzi.

**Azzjonijiet**

Ir-Regolament Delegat 2017/1926 tal-31 ta' Mejju 2017 li jissupplimenta d-Direttiva 2010/40/UE dwar Sistemi ta' Trasport Intelliġenti, jipprovdi qafas sabiex itejjeb il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha. Dan jistabbilixxi r-rekwiżiti meħtieġa sabiex is-servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE kollha jkunu akkurati u disponibbli bejn il-fruntieri. Dan jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa sabiex jiġu żgurati l-aċċessibbiltà, l-iskambju u l-aġġornament ta' vjaġġar standardizzat u data dwar it-traffiku u l-ippjanar tal-ivvjaġġar imqassam għall-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni dwar l-ivvjaġġar multimodali fl-UE.

L-**2018 kienet iddesinjata bħala s-"Sena tal-Multimodalità"** - sena li matulha l-Kummissjoni qajmet l-importanza

tal-multimodalità għas-sistema ta' trasport tal-UE billi organizzat serje ta' avvenimenti intiżi sabiex jippromwovu l-funzjonament tas-settur tat-trasport bħala "sistema" integrata b'mod sħiħ.

## It-tisħiħ tas-sigurtà u l-promozzjoni tal-ugwaljanza

1. Fl-ewwel trimestru tal-2017, jiġi ffinalizzat l-istudju dwar alternattivi tal-politika tal-UE sabiex titjieb is-sigurtà tal-**karti tal-identità u d-dokumenti ta' residenza** taċ-ċittadini tal-UE li jirresjedu fi Stat Membru ieħor u tal-membri tal-familja tagħhom li ma humiex mill-UE. Il-Kummissjoni se tevalwa l-passi li jmiss, l-alternattivi u l-impatti tagħhom fid-dawl ta' inizjattiva leġiżlattiva possibbli sal-aħħar tal-2017.

**Azzjonijiet**

**Ir-Regolament (UE) 2019/1157** tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, daħal fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2019 u se **japplika mit-2 ta' Awwissu 2021**. Dan jgħin sabiex ċittadini mobbli tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu billi jiżdiedu l-affidabbiltà u l-aċċettazzjoni tad-dokumenti tagħhom f'sitwazzjonijiet transfruntiera. Fl-istess waqt, huwa maħsub sabiex isaħħaħ is-sigurtà Ewropea billi jegħleb in-nuqqas ta' sigurtà li jirriżulta minn dokumenti mhux sikuri.

Il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-identità se jiġu allinjati ma' dawk tal-passaporti, peress li ż-żewġ tipi ta' dokumenti tal-ivvjaġġar se jinkludu ċippa tat-tip ta' bla kuntatt ta' sigurtà għolja bir-ritratt tad-detentur u l-marki tas-swaba'. L-Istati Membri se jibdew joħorġu l-karti tal-identità l-ġodda fl-2021. Il-karti tal-identità l-ġodda kollha għandhom ikunu konformi mal-istandards ġodda ta' sigurtà.

2. Fl-2017 jiġi evalwat kif għandhom jiġu mmodernizzati r-regoli dwar id-**dokumenti proviżorji tal-ivvjaġġar għal ċittadini tal-UE mhux rappreżentati**, inklużi l-karatteristiċi ta' sigurtà tal-format komuni tal-UE, sabiex jiġi ggarantit li ċ-ċittadini jkunu jistgħu jeżerċitaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom għal protezzjoni konsulari.

**Azzjonijiet**

**Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/997** tat-18 ta' Ġunju 2019 li tistabbilixxi Dokument Proviżorju tal-Ivvjaġġar tal-UE u li tħassar id-Deċiżjoni 96/409/PESK daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Lulju 2019. Hija intiża sabiex tagħmel id-dokument aktar sikur u tissimplifika l-proċeduri applikabbli.

Id-Direttiva taġġorna r-regoli, il-format u l-karatteristiċi ta' sigurtà tad-dokument proviżorju tal-ivvjaġġar tal-UE (emergency

travel document, ETD). **Din tissimplifika l-formalitajiet għal ċittadini tal-UE mhux rappreżentati f'pajjiżi terzi** li l-passaport jew id-dokument tal-ivvjaġġar tagħhom ikun intilef, insteraq jew inqered, biex jiġi żgurat li dawn jiġu pprovduti b'dokument proviżorju tal-ivvjaġġar minn Stati Membri oħra, biex ikunu jistgħu jivvjaġġaw lura lejn pajjiżhom. Għalhekk, id-Direttiva tippermetti lil ċittadin tal-UE mhux rappreżentat **jeżerċita d-dritt tiegħu għall-protezzjoni konsulari b'mod aktar faċli u effettiv**. Id-Direttiva tfittex ukoll li tiżgura konsistenza bejn kundizzjonijiet u proċeduri speċifiċi sabiex jinħarġu ETDs tal-UE, u r-regoli ġenerali dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u l-kooperazzjoni sabiex jiffaċilitaw il-protezzjoni konsulari taċ-ċittadini tal-UE mhux irrappreżentati f'pajjiżi li ma humiex parti mill-UE.

3. Fl-2017 titmexxa **kampanja biex tiġi miġġielda l-vjolenza kontra n-nisa**, tiġi appoġġata b'mod attiv l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni ta' Istanbul flimkien mal-Istati Membri u tippreżenta proposti sabiex tindirizza l-isfidi ta' **bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata** għall-familji li jaħdmu.

**Azzjonijiet**

Il-Kummissarju ta' dakinhar Věra Jourová nediet "**Sena ta' Azzjonijiet Iffokati fuq il-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa**" fl-2017, sabiex toħloq sensibilizzazzjoni, tiffaċilita kollaborazzjoni nazzjonali u transfruntiera, tipprovdi informazzjoni u teduka dwar il-vjolenza fuq in-nisa. Pereżempju, EUR 15-il miljun tpoġġew għad-disponibbiltà ta' 12-il awtorità nazzjonali u 32 proġett fost in-nies li jittrattaw il-vjolenza kontra n-nisa fl-UE kollha. Il-kampanja ta' **komunikazzjoni Non.no.Nein** tal-Kummissjoni Ewropea - taħt il-hashtag #SayNoStopVAW - mexxiet l-azzjonijiet iffokati 'l quddiem, bl-iżvilupp ta' għodda ta' komunikazzjoni ġodda sal-aħħar tal-2018.

**Id-Direttiva (UE) 2019/1158** tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Awwissu 2019. Hija intiża sabiex iżżid il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u l-użu tal-liv relatat mal-familja u arranġamenti tax-xogħol flessibbli. L-att il-ġdid jipprovdi wkoll opportunitajiet għall-ħaddiema sabiex jingħataw liv biex jieħdu ħsieb il-qraba li għandhom bżonn l-appoġġ. Il-leġiżlazzjoni tfisser li l-ġenituri u l-persuni li jindukraw se jkunu jistgħu jirrikonċiljaw aħjar il-professjoni u l-ħajja privata tagħhom, u kumpaniji se jibbenefikaw billi jkollhom ħaddiema aktar motivati.

4. Att biex jippromwovi l-aċċettazzjoni soċjali tal-persuni LGBTI fl-UE kollha bl-implimentazzjoni ta' lista ta' azzjonijiet għat-titjib tal-ugwaljanza LGBTI u appoġġ attiv għall-konklużjoni ta' negozjati dwar il-proposta ta' **Direttiva Kontra d-Diskriminazzjoni** orizzontali.

**Azzjonijiet**

Il-Kummissjoni appoġġat kull Presidenza tal-Kunsill sa mill-2008 billi ppreżentat il-**proposta tad-Direttiva għal Trattament Ugwali**. Madankollu, il-proposta baqgħet staġnata fil-Kunsill, fejn teħtieġ unanimità.

Fit-22 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni adottat **Rakkomandazzjoni dwar l-istandards għall-korpi ta' ugwaljanza**, sabiex tiżgura li korpi tal-ugwaljanza nazzjonali jkunu indipendenti u effettivi. Ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi standards minimi għal mandat tal-korpi tal-ugwaljanza; l-indipendenza tagħhom; l-effettività tagħhom, inklużi riżorsi suffiċjenti u setgħat xierqa; u arkitettura istituzzjonali nazzjonali għall-ugwaljanza.

F'April 2019, il-Kummissjoni ħarġet il-**Komunikazzjoni (COM(2019)186)**, li enfasizzat id-differenzi fil-protezzjoni u fil-modi proposti għall-iffaċilitar tat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-qasam tan-nondiskriminazzjoni permezz ta' **votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata aħjar u l-proċedura ordinarja leġiżlattiva**.

F'Ottubru 2019, il-Kummissjoni ppubblikat **Ewrobarometru Speċjali 493 – "Diskriminazzjoni fl-UE"** - li inkluda data dettaljata mill-Istati Membri dwar l-aċċettazzjoni soċjali tal-persuni LGBTI u perċezzjonijiet dwar id-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali u karatteristiċi sesswali.

B'mod ġenerali, l-appoġġ għar-relazzjonijiet LGBTI fl-UE kiber, iżda jvarja b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri tal-UE.

Il-Kummissjoni ppromoviet ukoll l-ugwaljanza permezz tal-edukazzjoni, il-kultura, iż-żgħażagħ u l-isport, anki permezz tal-pjan ta' azzjoni diġitali tal-2018, li jinkludi miżuri li jappoġġaw lill-bniet (minn 12 sa 18-il sena) fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet diġitali u intraprenditorjali permezz ta' workshops edukattivi ddedikati f'kooperazzjoni mal-EIT. Il-miżura se titkompla u se titkabbar fil-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid (2021-2027).

Barra minn hekk, bħala parti mill-**Qafas Strateġiku ta' Kooperazzjoni Ewropea fl-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ET 2020)**, hemm grupp ta' ħidma ddedikat dwar il-**promozzjoni tal-valuri komuni u l-edukazzjoni inklużiva** li jgħaqqad flimkien esperti mill-Istati Membri sabiex jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar suġġetti li jinkludu d-drittijiet tal-LGBTI, l-inugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-immigranti u r-refuġjati.

Noti tal-aħħar

1 Il-bażi tad-data tal-Eurostat migr_pop1ctz.

2 Għar-rapport tal-2017 ara https://ec.europa.eu/newsroom/just/item-detail.cfm?item_id=51132

3 Ewrobarometru Flash 485, ara: https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/survey/getsurveydetail/instruments/flash/surveyky/2260

4 Ara r-Rapport dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, COM(2020) 252 final.

5 Flash Eurobarometer 485

6 Il-bażi ta' data tal-Eurostat migr_pop1ctz.

7 Dawn jissemmew fil-Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2019-2024: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, Ekonomija għas-servizz tan-nies, Ewropa lesta għall-era diġitali, il-Promozzjoni tal-istil ta' ħajja Ewropew tagħna, Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja u Imbuttatura ġdida għad-demokrazija Ewropea.

8 COM(2020) 711

9 COM(2020) 790

10 L-iskop tar-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza jmur ukoll lil hinn mid-drittijiet demokratiċi taċ-Ċittadini tal-UE u jkopri drittijiet oħra taċ-ċittadinanza tal-UE stabbiliti fit-Trattat u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Jeżistu wkoll rabtiet evidenti mal-"Aġenda tal-Konsumatur il-Ġdida" adottata reċentement, li tindirizza ħtiġijiet immedjati tal-konsumaturi fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 u tippreżenta viżjoni għall-politika tal-konsumatur tal-UE għall-ħames snin li ġejjin. L-Aġenda tippreżenta approċċ olistiku għall-politika tal-konsumatur intiż sabiex jipproteġi u jagħti s-saħħa liċ-ċittadini tal-UE bħala konsumaturi billi jissalvagwardja d-dritt tagħhom skont it-tranżizzjoni ekoloġika u t-trasformazzjoni diġitali tas-soċjetà tagħna.

11 Inkluż ma' esperti tal-Istati Membri fil-qafas tan-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet u l-grupp ta' esperti dwar il-moviment liberu f'Settembru 2020. Laqgħa ta' konsultazzjoni speċifika saret f'Settembru 2020 mal-benefiċjarji tal-programm ta' "drittijiet, ugwaljanza u ċittadinanza" u tal-programm tal-"Ewropa għaċ-ċittadini".

12 Ewrobarometru Flash 485 "Ċittadinanza tal-UE u Demokrazija", li sar fis-27 Stat Membru tal-UE bejn is-27 ta' Frar u s-6 ta' Marzu 2020. https://ec.europa.eu/commfrontoffice/publicopinion/index.cfm/survey/getsurveydetail/instruments/flash/surveyky/2260

13 COM(2020) 731

14 Data dwar il-parteċipazzjoni f'elezzjonijiet nazzjonali tissuġġerixxi li numru ta' ċittadini jistgħu jaffaċċjaw sfidi addizzjonali sabiex jivvutaw. Fost il-persuni b'nazzjonalità tal-pajjiż fejn jgħixu, qrib is-60 % ta' dawk imweldin fil-pajjiż li jirrapporta lil ġenituri immigranti jirraportaw li vvutaw fl-aktar elezzjonijiet parlamentari nazzjonali reċenti fil-pajjiż ta' residenza tagħhom, fl-UE kollha. Dan huwa kważi 10 punti perċentwali inqas minn fost dawk pari tagħhom imweldin fil-pajjiż li jirrapporta, u 5 punti inqas mill-parteċipazzjoni fost dawk li waslu bħala tfal u mbagħad akkwistaw iċ-ċittadinanza tal-pajjiż li jirrapporta. Madankollu, huwa 10 punti aktar minn fost dawk li għandhom nazzjonalità tal-pajjiż li jirrapporta li waslu wara l-età ta' 15-il sena. Għal aktar dettalji, ara OECD-UE (2018), Settling in 2018: Indicators of Immigrant Integration.

15 Ara Roma Civil Monitor: Synthesis report on implementation of national Roma integration strategies in Bulgaria, Czech Republic Hungary, Romania and Slovakia (Marzu 2018), pp. 12-13 u p. 28; Roma Civil Monitor: A synthesis of civil society's reports on the implementation of national Roma integration strategies in the European Union (Marzu 2020), p. 23.

16 Il-Qafas strateġiku l-ġdid għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom kien adottat fis-7 ta' Ottubru 2020: https://ec.europa.eu/info/publications/new-eu-roma-strategic-framework-equality-inclusion-and-participation-full-package_en

17 Ir-Rapport tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-2019 "Id-drittijiet reali ta' persuni b'diżabilità li jivvutaw fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew".

18 L-UE u l-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UN Convention on the Rights of Persons with Disabilities, UNCRPD). Konsegwentement, bi qbil mal-Artikolu 29 dwar il-Parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika, l-Istati Parti għandhom jiggarantixxu lill-persuni b'diżabbiltà drittijiet politiċi u l-opportunità li jgawduhom fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor.

19 Data dwar ir-rappreżentanza tan-nisa fid-diversi livell ta' teħid ta' deċiżjoni fil-politika fl-Istati Membri ppubblikata fil-bażi ta' data tal-istatistika dwar is-sessi tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (European Institute for Gender Equality (, EIGE), https://eige.europa.eu/gender-statistics/dgs/browse/wmidm/wmidm_pol

20 L-Irlanda

21 Eżempji: BE, ES, SI, FR, PT, SI.

22 Ir-Rumanija.

23 Unjoni Inter-Parlamentari, Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa 2018: Sexism, harassment and violence against women in parliaments in Europe: http://www.assembly.coe.int/LifeRay/EGA/WomenFF-Violence/2018/20181016-WomenParliamentIssues-EN.pdf

24 In-Network Ewropew ta' Kooperazzjoni dwar l-Elezzjonijiet kien stabbilit f'Jannar 2019 sabiex jgħin lill-Istati Membri jaqsmu l-għarfien espert u l-aħjar prattiċi, inkluż dwar theddid, differenzi u infurzar. Ara: https://ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights/eu-citizenship/electoral-rights/european-cooperation-network-elections_en

25 Għal aktar informazzjoni, żur: https://www.venice.coe.int/WebForms/pages/?p=01_Elections_and_Referendums&lang=EN

26 Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport uriet appoġġ maġġuri għal votazzjoni bil-posta, filwaqt li ħafna minn dawk li wieġbu jikkunsidraw li r-riskji ta' votazzjoni online xorta jisbqu l-vantaġġi.

27 Fuq il-bażi ta' aktar minn 11 000 materjal elettorali, inklużi posters, reklami fuq t-televiżjoni, posts fuq il-media soċjali u avviżi stampati magħmula minn 418-il partit politiku jew kandidat, kif ukoll 193 kont uffiċjali ta' Facebook, iċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tal-Elezzjonijiet Ewropej identifika l-kwistjonijiet l-aktar komuni msemmija fil-kampanji elettorali bħal "Ewropa" (15 % tas-suġġetti kollha), segwita minn "valuri", "ekonomija", "soċjali" u "ambjent". Ara Johansson, Bengt u Novelli, Edoardo, "2019 European elections campaign – Images, topics, media in the 28 Member States", id-9 ta' Lulju 2019, https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/e6767a95-a386-11e9-9d01-01aa75ed71a1/language-en

28 Ara r-Rapport dwar l-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019, COM(2020) 252 final.

29 Għal Volt Deutschland. DiEM25 falla fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew, iżda kellu wkoll kandidati fl-elezzjonijiet nazzjonali fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fil-Greċja, fi Spanja, fi Franza, fl-Awstrija, fil-Polonja u fil-Portugall, u għandu membri fil-leġiżlatura Daniża, Griega, Pollakka u Portugiża.

30 Flash Eurobarometer 485.

31 Il-Kummissjoni appoġġat lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-UE relatati mad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-UE fil-Grupp ta' Esperti dwar Kwistjonijiet Elettorali. L-iskambji koprew il-formalitajiet applikabbli, inklużi l-iskadenzi rilevanti għar-reġistrazzjoni, u prattiċi li jappoġġaw il-parteċipazzjoni.

32 Il-bażi tad-data tal-Eurostat migr_pop1ctz.

33 Data riċevuta mill-Istati Membri turi li r-reġistrazzjoni taċ-ċittadini mobbli tal-UE fil-pajjiżi ta' residenza tagħhom tibqa' baxxa fl-UE kollha, minkejja li n-numri jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri (l-istess għad-disponibbiltà tad-data relevanti): minn 0,1 % fil-Kroazja u 0,2 % fil-Latvja għal 17 % fi Spanja u 24 % f'Malta. Għal aktar informazzjoni, ara d-dokument ta' ħidma tal-persunal COM(2020) 252 final.

34 Flash Eurobarometer 485.

35 L-iskadenzi għar-reġistrazzjoni biex tivvota fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew jistgħu, pereżempju, ivarjaw bejn l-Istati Membri, u jagħmluha aktar diffiċli għaċ-ċittadini mobbli tal-UE sabiex jirreġistraw fil-ħin.

36 Dan jista' jinkludi ittri amministrattivi li jintbagħtu tard u proċeduri diffiċli ta' votazzjoni bil-posta.

37 Id-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE u d-Direttiva 93/109/KE.

38 Din l-informazzjoni se tkun disponibbli permezz tal-portal L-Ewropa Tiegħek u portals nazzjonali li jipparteċipaw fil-gateway diġitali unika, kif meħtieġ mir-Regolament 2018/1724 (Cf. l-Anness I, D.3).

39 Ċipru, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda u Malta.

40 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2014/53/UE.

41 Dawk li wieġbu jemmnu li l-votanti għandhom jitħallew jagħżlu bejn iż-żewġ pajjiżi jew jivvotaw kemm fil-pajjiż ta' oriġini kif ukoll ta' residenza fi proporzjonijiet indaqs. Għal ħafna, it-tul tar-residenza huwa kriterju xieraq sabiex jiġi deċiż jekk ċittadini barranin għandhomx jingħataw id-dritt tal-vot f'elezzjonijiet nazzjonali.

42 Fl-4 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni Ewropea qablet dwar l-ammissibbiltà u rreġistrat Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropea intitolata "Votanti mingħajr fruntieri, drittijiet politiċi sħaħ għaċ-ċittadini tal-UE". L-organizzaturi jitolbu "riformi għat-tisħiħ tad-drittijiet eżistenti taċ-ċittadini tal-UE sabiex jivvutaw u joħorġu għal elezzjonijiet muniċipali u Ewropej fil-pajjiż ta' residenza tagħhom u leġiżlazzjoni ġdida sabiex dawn jiġu estiżi għal elezzjonijiet u referenda reġjonali u nazzjonali.

43 L-inizjattivi inkludew laqgħat taċ-ċittadini (bħal dawk li saru f'Wallonia sabiex jinvolvu lin-nies fl-ippjanar ta' rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar ir-rikonoxximent ta' "aħbarijiet foloz"). L-assemblej taċ-ċitta-

dini huma korpi deliberattivi użati f'għadd ta' Stati Membri sabiex in-nies ikunu jistgħu jikkontribwixxu fit-tfassil tal-politika. L-Irlanda hija eżempju notevoli, fejn dawn jintużaw b'mod komuni fl-iżvilupp ta' opzjonijiet għar-referenda.

44 F'rapport reċenti, l-OECD iddeskriva d-dettall u l-firxa ta' inizjattivi ispirattivi deliberattivi demokratiċi, inkluż fl-UE, fejn eluf ta' ċittadini magħżula b'mod aleatorju ħadu sehem fi stili ta' demokrazija b'governanza aktar parteċipattiva. ("Catching the Deliberative Wave": https://www.oecd.org/gov/innovative-citizen-participation-and-new-democratic-institutions-339306da-en.htm).

45 https://ec.europa.eu/regional_policy/en/newsroom/news/2020/04/22-04-2020-deadlines-reminder-boost-citizen-engagement-in-the-implementation-of-cohesion-policy

46 https://ec.europa.eu/info/horizon-europe-next-research-and-innovation-framework-programme/missions-horizon-europe_en. Il-Kummissjoni se tħabbar il-missjonijiet magħżula finalment fl-aħħar tal-2020. Ladarba jiġu mnedija l-missjonijiet, iċ-ċittadini Ewropej se jkomplu jkunu involuti fil-fażijiet kollha tal-implimentazzjoni tagħhom.

47 B'mod partikolari, Orizzont 2020 se jipprovdi kważi EUR 12-il miljun lil erba' konsorzja interessati, li se jagħmlu attivitajiet ta' riċerka u sperimentazzjoni dwar: (i) id-demokratizzazzjoni tal-adeżjoni territorjali (esperimentazzjoni bl-involviment deliberattiv taċ-ċittadini u l-parteċipazzjoni baġitarja fil-politiki Ewropej reġjonali u urbani), (ii) il-bliet bħala areni ta' innovazzjoni politika fit-tisħiħ ta' demokrazija deliberattiva u parteċipattiva, (iii) ix-xjenza u demokraziji Ewropej inklużivi, u (iv) l-iżvilupp ta' spazji parteċipattivi bl-użu ta' approċċ deliberattiv multilingwi u dinamiku. Il-programm suċċessur tiegħu, Ewropa Orizzont, diġà identifika l-ħolqien ta' "soċjetà Ewropea aktar reżiljenti, inklużiva u demokratika" bħala waħda mill-orjentazzjonijiet strateġiċi ewlenin tiegħu u għalhekk l-ewwel programmi ta' ħidma se jkomplu jiffinanzjaw ir-riċerka f'dawn l-oqsma.

48 Dan isir b'mod partikolari permezz tas-"sejħa tal-Patt Ekoloġiku", li timmobilizza EUR 1 biljun għall-proġetti ta' riċerka u innovazzjoni li jirrigwardaw il-kriżi tal-klima u jgħinu fil-protezzjoni tal-ekosistemi u l-bijodiversità uniċi tal-Ewropa. Flimkien mal-oqsma tematiċi li jirriflettu l-flussi ta' ħidma ewlenin tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, approċċ transversali se jindirizza l-emanċipazzjoni taċ-ċittadini bl-immobilizzar ta' finanzjament għal tliet suġġetti ewlenin: (i) Il-kapaċità Ewropea għal deliberazzjoni u parteċipazzjoni taċ-ċittadini għall-Patt Ekoloġiku, (ii) tibdil fl-aġir, soċjali u kulturali għall-Patt Ekoloġiku, u (iii) l-abilitazzjoni taċ-ċittadin biex jaġixxi fir-rigward tat-tibdil fil-klima u l-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-edukazzjoni, ix-xjenza taċ-ċittadini, l-inizjattivi ta' osservazzjoni u l-involviment ċiviku.

49 Iċ-ċittadini huma wkoll konsumaturi li kellhom sfidi sinifikanti bil-pandemija fil-ħajja tagħhom ta' kuljum, inkluż fir-rigward tad-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' prodotti u servizzi u vjaġġar ġewwa, u minn u lejn l-UE. L-"Aġenda tal-Konsumatur l-Ġdida" hija bbażata fuq il-parteċipazzjoni tal-konsumaturi fl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tagħha, li se jkun żgurat, fost oħrajn, bit-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, li jirrappreżentaw l-interessi tal-konsumaturi, u jagħtuhom pariri u jappoġġawhom. Dan huwa partikolarment importanti għall-kategoriji ta' ċittadini li huma aktar vulnerabbli minħabba ċirkustanzi soċjali jew karatteristiċi partikolari, bħall-età, is-sess, is-saħħa, il-litteriżmu diġitali jew is-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom.

50 L-Artikolu 165(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

51 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=OJ:C:2018:456:FULL&from=MT

52 https://ec.europa.eu/youth/policy/youth-strategy/euyouthdialogue_en

53 Id-Djalogu taż-Żgħażagħ tal-UE rriżulta fl-adozzjoni tal-Miri taż-Żgħażagħ Ewropej li jirrappreżentaw il-viżjoni taż-żgħażagħ għall-Ewropa u jammontaw għall-ambizzjoni tagħna li jiġi kkunsidrat serjament l-input tal-ġenerazzjonijiet iż-żgħar u l-integrazzjoni ta' perspettiva fit-tul fit-tfassil tal-politika, li tinkoraġġixxi d-djalogu u li żżid it-trasparenza u l-kontabbiltà rigward l-għażliet ta' politika tagħna.

54 Sa issa, kienu rreġistrati 75 inizjattiva bil-parteċipazzjoni, li minnhom sitta lestew l-istadji kollha tal-proċedura u ġew preżentati b'suċċess lill-Kummissjoni (sors: https://europa.eu/citizens-initiative/_mt).

55 Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli "Tackling COVID-19 disinformation - Getting the facts right", 10 ta' Ġunju 2020, JOIN(2020) 8 final

56 https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/fighting-disinformation/tackling-coronavirus-disinformation_mt

57 Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni Ewropea u tar-Rappreżentant Għoli "Tackling COVID-19 disinformation - Getting the facts right", 10 ta' Ġunju 2020, JOIN (2020) 8 final.

58 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "New Consumer Agenda – Strengthening consumer resilience for sustainable recovery", 13.11.2020, COM(2020) 696 final. Skont

l-inizjattivi tal-Aġenda tal-Konsumatur l-ġdida, il-Kummissjoni se tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet ta' investigazzjoni online tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tal-konsumatur nazzjonali u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn in-network ta' Kooperazzjoni tal-Protezzjoni tal-Konsumatur u networks oħra ta' infurzar u persuni interessati sabiex jittrattaw l-inganni tal-konsumatur, il-prattiċi tas-suq inġusti u l-frodi.

59 COM(2020) 274 final tal-1 ta' Lulju 2020.

60 Matul il-Ġimgħa Ewropea tar-Reġjuni u l-Bliet 2020, il-Kummissjoni ospitat sessjoni dwar "Ebda lockdown għall-e-demokrazija" dwar l-aħjar prattiċi ta' proġetti ffinanzjati mill-UE magħżula u tesplora l-potenzjal tat-teknoloġiji diġitali biex isaħħu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fid-dibattitu demokratiku Ewropew.

61 It-tħejjija tan-nies bil-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni diġitali huwa fokus prinċipali tal-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa, li tipprevedi għadd ta' azzjonijiet f'koordinazzjoni mal-Istrateġija Diġitali, l-Istrateġiji Industrijali u tal-SMEs u l-Qasam tal-Edukazzjoni Ewropew.

62 Il-pjan għandu żewġ prijoritajiet strateġiċi: (i) it-trawwim tal-iżvilupp ta' ekosistema ta' edukazzjoni diġitali bi prestazzjoni għolja fl-Ewropa (ii) u t-tisħiħ tal-ħiliet u l-kompetenzi għat-trasformazzjoni diġitali. Ara https://ec.europa.eu/education/sites/education/files/document-library-docs/deap-communication-sept2020_en.pdf

63 F'Ġunju 2020, il-Kummissjoni adottat Rapport dwar l-Impatt tat-Tibdil Demografiku, li jippreżenta dak li wassal għat-tibdil demografiku u l-impatt tiegħu madwar l-Ewropa.

64 Fir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019 COM(2020) 252 final, tħabbar li l-Kummissjoni se tiffoka b'mod speċjali fuq appoġġ inklużiv u parteċipazzjoni ugwali għall-elezzjonijiet tal-2024 fuq iż-żgħażagħ u l-anzjani, in-nisa, iċ-ċittadini mobbli tal-UE u l-persuni b'diżabbiltà.

65 Dan id-dritt huwa mogħti direttament lil kull ċittadin tal-UE mill-Artikolu 21 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u huwa stabbilit fl-Artikolu 45 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. L-Artikolu 21(1) TFUE jipprovdi li kull ċittadin tal-UE għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għall-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri meħuda sabiex dan jitwettaq. Il-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet rispettivi jinsabu fid-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE, ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77 (aktar 'il quddiem imsejħa "id-Direttiva tal-Moviment Liberu"). Barra minn hekk, l-Artikolu 45 TFUE jagħti lil kull ċittadin tal-UE d-dritt li jaħdem f'kull Stat Membru u jirresjedi fih għal dak il-għan.

66 Din hija żieda ta' 17-il punt perċentwali sa mill-2012.

67 Il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport uriet li filwaqt li l-parti l-kbira taċ-ċittadini li jiċċaqilqu jħossuhom informati sewwa, huma jiffaċċaw problemi amministrattivi meta jgħixu barra. F'għadd ta' każijiet, huma jixtiequ li kienu informati aħjar qabel ma ċċaqilqu dwar kwistjonijiet bħat-taxxi, il-benefiċċji soċjali jew l-assigurazzjoni tal-mard.

68 COM (2009) 313 final.

69 Sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, Coman et, C-673/16, EU:C:2018:385.

70 Sentenza tat-28 ta' Diċembru 2014, McCarthy et, C-202/13, EU:C:2014:2450 u s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2020, Ryanair Designated Activity Company, C-754/18, EU:C:2020:478.

71 Sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, SM (Wild taħt tutela Kafala Alġerina), C-129/18, EU:C:2019:248.

72 COM(2009) 313 final

73 L-Istati Membri jiġu assistiti fl-applikazzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni tal-moviment liberu permezz tan-network SOLVIT, li jaħdem fuq livell nazzjonali sabiex jindirizza problemi ta' konformità mad-dritt tal-UE. Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17.9.2013 dwar il-prinċipji li jirregolaw s-SOLVIT C(2013) 5869 final.

74 Skont il-leġiżlazzjoni tal-moviment liberu, ir-restrizzjonijiet tal-moviment liberu għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-proporzjonalità u n-nondiskriminazzjoni.

75 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COVID-19 Linji Gwida rigward l-eżerċitar tal-moviment liberu tal-ħaddiema 2020/C 102 I/03

76 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Lejn approċċ gradwali u kkoordinat għar-ritorn tal-libertà ta' moviment u t-tneħħija tal-kontrolli fil-fruntieri interni — COVID-19 2020/C 169/03.

77 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Gwida tal-UE biex jerġgħu jibdew progressivament is-servizzi tat-turiżmu u għall-protokolli tas-saħħa fi stabbilimenti tal-ospitalità — COVID-19 2020/C 169/01.

78 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1475 dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, ĠU L 337, 14.10.2020, p. 32.

79 https://reopen.europa.eu

80 COM(2020)609 tat-23.9.2020

81 Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

82 Il-bażi tad-data tal-Eurostat migr_pop1ctz.

83 U li madwar miljun ċittadin tar-Renju Unit jgħixu fl-EU-27 (sors: L-ewwel rapport konġunt dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet ta' residenza skont it-tieni parti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ).

84 L-istess japplika għal kull ċittadin tar-Renju Unit li jiċċaqlaq lejn Stat Membru tal-UE matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

85 Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu, ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67.

86 Ir-regoli l-ġodda jinkludu salvagwardji b'saħħithom tal-protezzjoni tad-data sabiex jiżguraw li l-informazzjoni miġbura ma taqax f'idejn żbaljati. B'mod partikolari, l-awtoritajiet nazzjonali se jkollhom jiżguraw is-sigurtà taċ-ċippa tat-tip ta' bla kuntatt u d-data maħżuna fiha, sabiex ma tkunx tista' tkun l-oġġett ta' piraterija jew ta' aċċess mingħajr permess.

87 Ir-Regolament (UE) 2016/1191 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar il-promozzjoni tal-moviment liberu taċ-ċittadini permezz tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti għall-preżentazzjoni ta' ċerti dokumenti pubbliċi fl-Unjoni Ewropea u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012, ĠU L 200, 26.7.2016, p. 1-136. Ir-Regolament itaffi ħafna mill-problemi li jiltaqgħu magħhom iċ-ċittadini Ewropej meta jissottomettu ċerti dokumenti pubbliċi maħruġa minn Stat Membru ieħor. B'mod partikolari, l-awtoritajiet pubbliċi ma għadhomx jistgħu jitolbu apostilla fuq dokument pubbliku jew il-kopja ċertifikata tiegħu. Barra minn hekk, xi dokumenti pubbliċi ma għandhomx għalfejn jiġu tradotti aktar, inkwantu jiġu ppreżentati f'formola multilingwi standard, li hija disponibbli għall-awtoritajiet tal-Istati Membri fuq il-portal Ġustizzja-e.

88 Fl-2019, l-akbar numru ta' ħaddiema transfruntiera fost l-Istati Membri kienu dawk li jgħixu fil-Polonja u jaħdmu fil-Ġermanja (122 000 persuna), Franza u l-Lussemburgu (93 000), l-Ungerija u l-Awstrija (56 000), il-Ġermanja u l-Lussemburgu (54 000) u Franza u l-Belġju (50 000). Il-parti l-kbira tal-ħaddiema transfruntiera kienu jaħdmu fil-kostruzzjoni, fil-manifattura jew f'xogħlijiet relatati mal-kura tas-saħħa. Għal aktar tagħrif ara: https://ec.europa.eu/eurostat/cache/digpub/eumove/bloc-2c.html?lang=en

89 Hija ġurisprudenza stabbilita li fir-rigward tal-arranġamenti bilaterali għall-prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja, l-Istati Membri huma liberi li jiddeterminaw il-fatturi ta' konnessjoni sabiex jiġu allokati setgħat fiskali bejniethom. Madankollu, huma għandhom jeżerċitaw dawn is-setgħat b'konformità mad-dritt tal-UE. Dan ifisser ukoll li ma hemmx regoli li jiżguraw lill-ħaddiema li jaqsmu fruntiera d-dritt għas-sistemi fiskali l-aktar vantaġġużi tal-Istati Membri involuti.

90 COM(2020) 312

91 Pjanifikatur tal-vjaġġi multimodali (journey planner, JP) huwa sistema tal-IT li kapaċi tipproponi sett ta' servizz tat-trasport wieħed jew aktar li jwieġeb almenu għall-mistoqsija "Kif nista' mmur mil-lokalità A sal-lokalità B f'data u ħin partikolari tat-tluq/tal-wasla u f'liema kundizzjonijiet". L-aktar punt komuni ta' aċċess għal tali pjanifikatur tal-vjaġġi huwa permezz ta' servizz web speċifiku. (L-Istudju tal-Kummissjoni Ewropea "Towards a European Multi-Modal Journey Planner", 2011)

92 COM(2019) 12 final.

93 COM(2019) 370 final u SWD(2019) 650 final.

94 Għal aktar informazzjoni ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_20_1925

95 L-Artikolu 2 jgħid: "L-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi. Dawn il-valuri huma komuni għall-Istati Membri f'soċjetà fejn jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel."

96 Fl-Ewrobarametru Standard 92 tal-ħarifa 2019, dawk li wieġbu kienu mitluba jagħżlu valuri li jaħsbu li jirrappreżentaw lill-UE bl-aħjar mod. Il-"paċi" spikkat bħala l-valur li jirrappreżenta bl-aħjar mod lill-UE (42 %), segwit mid-"demokrazija" (34 %) fit-tieni post u mid-"drittijiet

tal-bniedem" (32 %) fit-tielet post. "L-istat tad-dritt" kien fir-raba' post, imsemmi minn aktar minn persuna waħda minn kull ħamsa li wieġbu (22 %).

97 COM(2019) 343 final. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tat impenn li tuża l-possibiltajiet ta' finanzjar kollha sabiex tgħin lis-soċjetà ċivili u lill-akkademja jsaħħu kultura ta' stat tad-dritt, pereżempju l-programm futur dwar ċ-ċittadini, l-ugwaljanza, id-drittijiet u l-valuri.

98 https://ec.europa.eu/info/publications/2020-rule-law-report-communication-and-country-chapters_mt

99 Dan il-Mekkaniżmu huwa intiż sabiex jixpruna djalogu ġenwin dwar l-istat tad-dritt kemm fuq livell Ewropew kif ukoll nazzjonali. Huwa maħsub bħala proċess annwali sabiex jipprevjeni li jinħolqu jew jikbru l-problemi. Se joħloq għarfien konġunt dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-UE kollha u jsaħħaħ il-kooperazzjoni interistituzzjonali dwar dan is-suġġett.

100 Fl-Ewrobarometru Standard 89 mill-2018, dawk li wieġbu poġġew il-"programmi ta' skambju tal-istudenti bħall-ERASMUS" bħala t-tielet riżultat l-aktar pożittiv tal-UE, wara l-"paċi fost l-Istati Membri tal-UE" u l-"moviment liberu tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi fl-UE".

101 F'dawn l-aħħar tliet deċennji, aktar minn 10 miljun persuna pparteċipaw fi programmi ta' Erasmus+ u l-predeċessuri tiegħu. Aktar minn EUR 1,7 biljun tqiegħdu għad-dispożizzjoni permezz tal-programmi ta' tagħlim f'pajjiż barrani, kif ukoll bħala sħubijiet transnazzjonali sabiex jiġu żviluppati approċċi u prattiċi ta' politika innovattiva fil-livell taċ-ċittadin, li jagħti prijorità lill-inklużjoni soċjali, lill-promozzjoni tal-valuri komuni u lill-fehim interkulturali.

102 Sa mill-2021 l-Attivitajiet ta' Parteċipazzjoni taż-Żgħażagħ tal-Erasmus+ se jappoġġaw ukoll forom ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ alternattivi, innovattivi, intelliġenti u diġitali u l-involviment ċiviku, permezz ta' firxa wiesgħa ta' proġetti mmexxija miż-żgħażagħ.

103 Il-volontarjat huwa wieħed mill-aktar espressjonijiet viżibbli ta' solidarjetà. Billi jipparteċipaw fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, iż-żgħażagħ jgħinu fl-indirizzar ta' bżonnijiet identifikati fil-komunitajiet lokali u jikkontribwixxu sabiex jingħelbu sfidi soċjali importanti. Il-volontarjat jippermetti wkoll li ż-żgħażagħ jiksbu esperjenzi utli, kapaċitajiet u kompetenzi għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-kapaċità tagħhom għax-xogħol u ċ-ċittadinanza attiva. Skont rapporti tal-parteċipanti, 76 % tal-voluntiera jaqblu li wara li pparteċipaw f'attività ta' volontarjat, huwa beħsiebhom jipparteċipaw b'mod aktar attiv fil-ħajja soċjali u politika tal-komunità tagħhom. Mas-87 % tal-voluntiera beħsiebhom jibqgħu involuti u attivi fil-qasam tas-solidarjetà wara li jirritornaw.'

104 Dan jippermetti liż-żgħażagħ fl-Ewropa u fin-Nofsinhar tal-Mediterran jinvolvu ruħhom f'esperjenzi sinifikanti interkulturali online.

105 2018/C 195/01.

106 COM(2020) 152 final

107 Unjoni ta' Ugwaljanza: Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025: https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/a_union_of_equality_eu_action_plan_against_racism_2020_-2025_mt.pdf. Waħda mill-azzjonijiet imħabbra tinkludi li l-Kummissjoni se torganizza workshop dwar l-elezzjonijiet għall-iskambju u t-trawwim tal-aħjar prattiki dwar id-demokrazija inklużiva bil-għan li l-listi ta' kandidati jirriflettu d-diversità tas-soċjetajiet tagħna. Dan il-workshop huwa ppjanat għall-2022 biex jinforma l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li jmiss fl-2024.

108 Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija ta' ugwaljanza LGBTIQ 2020-2025.

109 Il-Qafas Strateġiku tal-UE għall-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni tar-Rom jistabbilixxi approċċ komprensiv fuq tliet pilastri għall-2020 sal-2030: Dan l-approċċ jikkumplimenta l-inklużjoni soċjali u ekonomika tar-Rom emarġinati billi jippromwovi l-ugwaljanza u jrawwem il-parteċipazzjoni. Għalhekk huwa intiż sabiex jagħti lir-Rom kollha l-opportunità li jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom u jinvolvu ruħhom fil-ħajja politika, soċjali, ekonomika u kulturali.

110 Pereżempju, il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt negattiv sproporzjonat fuq il-komunitajiet Rom li huma emarġinati u mċaħħda mid-drittijiet. Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom jinkludi gwida speċifika għall-Istati Membri biex jiżguraw li strateġiji futuri jippreparawhom aħjar sabiex jiffaċċjaw kriżijiet simili. Il-lezzjonijiet mitgħallma waqt il-pandemija jinformaw ukoll il-miri ewlenin magħżula tal-qafas il-ġdid (pereż. fil-qasam tal-akkomodazzjoni u s-servizzi essenzjali), kif ukoll il-miżuri ssuġġeriti fl-abbozz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (pereż. appoġġ għall-inklużjoni diġitali u l-edukazzjoni minn distanza għat-tfal Rom).

111 Għal aktar informazzjoni ara: Coronavirus: Solidarjetà Ewropea fil-prattika, https://ec.europa.eu/info/live-work-travel-eu/health/coronavirus-response/coronavirus-european-solidarity-action_en

112 COM/2020/245 final.

113 Barra minn hekk, l-istrateġija farmaċewtika li ġejja għall-Ewropa tittratta kwistjonijiet importanti li kienu ta' tħassib għall-pazjenti u s-sistemi tas-saħħa għal deċennji, pereżempju l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-mediċini, is-sistemi tas-saħħa sostenibbli u n-nuqqas ta' mediċini. Hija tipprevedi evalwazzjoni tas-sistema kurrenti sabiex tippermetti d-diġitalizzjoni u l-innovazzjoni, speċjalment għal bżonnijiet mhux indirizzati u tipprevedi azzjonijiet li jippromwovu l-kompetittività globali tal-industrija tal-UE. Hija se tikkontribwixxi għal sistema reżistenti għal kriżi li tiżgura aċċess għal mediċini sikuri, ta' kwalità għolja u effettivi fiċ-ċirkostanzi kollha.

114 COM (2020) 727 final.

115 COM (2020) 725 final.

116 COM (2020) 726 final.

117 COM(2020) 682 final.

118 Komunikazzjoni tal-14 ta' Jannar 2020 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: "Ewropa soċjali b'saħħitha għal tranżizzjonijiet ġusti", COM(2020) 14 final. Din l-inizjattiva kienet ikkonfermata fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021.

119 Il-Garanzija għaż-Żgħażagħ hija impenn tal-Istati Membri kollha sabiex jiżguraw li ż-żgħażagħ kollha taħt il-25 sena jiġu offruti impjiegi ta' kwalità tajba jew tkomplija tal-edukazzjoni, apprendistat jew traineeship fi żmien 4 xhur minn meta jisfaw bla xogħol jew jitilqu mill-edukazzjoni formali.

120 Il-pakkett huwa kkoordinat mill-Aġenda Ewropea tal-Ħiliet u b'mod partikolari mill-proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (Vocational Education and Training, VET), li se tħejji lil persuni b'taħlita bbilanċjata ta' għarfien, kapaċitajiet u kompetenzi li jipprovdu bażi b'saħħitha għal reżiljenza, tagħlim matul il-ħajja, kapaċità għall-impjieg matul il-ħajja, inklużjoni soċjali, ċittadinanza attiva u żvilupp personali.

121 COM/2020/276 final.

122 Ħafna ċittadini tal-UE, inklużi ċittadini ta' nazzjonalità doppja, jgħixu wkoll f'pajjiżi terzi.

123 SWD(2018) 273 final

124 It-terminu "mhux irrappreżentati" jirreferi għaċ-ċittadini li l-Istat Membru tagħhom ma għandux ambaxxata jew konsulat f'pajjiż terz jew li effettivament ma huwiex f'pożizzjoni li jipprovdi assistenza.

125 Dan id-dritt huwa stabbilit fl-Artikoli 20(2)(c) u 23 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-Artikolu 46 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

126 Għal dan il-għan, ġiet stabbilita taskforce konsulari ddedikata mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, li taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u maċ-Ċentru Ewropew ta' Koordinazzjoni ta' Rispons ta' Emerġenza (Emergency Response Coordination Centre, ERCC) sabiex tikkoordina r-ripatrijazzjonijiet.

127 Dan l-isforz kien viżibbli ħafna għaċ-ċittadini, b'aktar minn 60 % minn dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport jgħidu li jafu bit-titjiriet ta' ripatrijazzjoni li l-Istati Membri u l-Kummissjoni organizzaw għal dawk ċ-ċittadini tal-UE li kienu jinsabu f'pajjiżi terzi meta faqqgħet il-COVID-19.

128 Din il-kooperazzjoni konsulari massiva u storika bejn l-Istati Membri tal-UE u l-istituzzjonijiet tal-UE kienet ukoll ta' benefiċċju għal ċittadini ta' pajjiżi msieħba bħan-Norveġja, is-Serbja, l-Iżvizzera, it-Turkija u r-Renju Unit, li ċ-ċittadini tagħhom kienu wkoll irripatrijati b'titjiriet tal-UE.

129 It-tluq tar-Renju Unit mill-UE għandu jittieħed ukoll inkunsiderazzjoni, peress li dan il-pajjiż għandu network u kapaċità konsulari kbar biex jassisti f'sitwazzjonijiet ta' kriżi.

130 Fl-Ewrobaromertu tal-2020, aktar minn disgħa minn kull 10 minn dawk li wieġbu (92 %) qablu li kieku kienu f'pajjiż barra mill-UE mingħajr konsulat jew ambaxxata tal-pajjiż tagħhom u kellhom bżonn l-għajnuna, minflok kienu jfittxu appoġġ mid-delegazzjoni tal-UE.

131 B'mod simili, il-konsultazzjoni pubblika miftuħa għal dan ir-rapport uriet li madwar 90 % ta' dawk li wieġbu jappoġġaw l-idea li d-delegazzjonijiet tal-UE jenħtieġ li jkunu jistgħu jassistu liċ-ċittadini tal-UE f'pajjiżi terzi, jekk meħtieġ.

NA-AO-20-009-MT-N

#EU4Citizens

ec.europa.eu/info/policies/justice-and-fundamental-rights_mt

ISBN 978-92-76-22015-2
ISSN 1977-3927
doi: 10.2775/172151